HARĠA SPEĊJALI

# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXI Vol XII Nru. 153 April - Ġunju 2010



## *"Sejħulha Sultana tal-Familja"*

*Papa Benedittu XVI*

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

**Madonna Ta' Pinu**
Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Edward Depasquale.

**Disinn:** Joseph Xuereb

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2010:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€18.00** |
| *Prezz ta' din il-ħarġa* | **€ 5.00** |

*Sena XXXI Vol XII Nru. 153*
*April - Ġunju 2010*




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Il-Papa Benedittu XVI joffri l-Warda tad-Deheb

***Wara:*** Il-Papa Benedittu XVI jagħti l-qima tiegħu lill-Madonna Ta' Pinu

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Arkivju Bażilika Tal-Karmnu (Valletta), Department of Information (Malta), Osservatore Romano, John Attard, Gerard Buhagiar, Victor B. Caruana, Daniel Cilia, John Cordina, Charles Grima, Joseph Refalo, Joseph Xuereb, Max Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219

© Copyright Ta' Pinu Publications 2010
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*

## F'din il-Ħarġa...

**1** Il-Kelma tar-Rettur *Infakkru...*
**3** Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u d-Domma ta' l-Assunta
**6** 60 Sena ilu...
**10** L-Inkurunazzjoni tal-Madonna Ta' Pinu...
**16** L-Artal ta' l-Inkurunazzjoni
**17** Ir-Rabta tal-Madonna Ta' Pinu mal-Familja...
**21** Jitlob il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu fuq il-poplu Malti
**22** Nota ta' l-Isqof ta' Għawdex
**23** Ittra Pastorali tal-Isqfijiet
**25** Jibda l-vjaġġ mis-Santwarju...
**26** Diskors tal-Papa fl-Ajruport ta' Malta
**28** Omelija tal-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana
**32** Rigal tal-Papa lid-Djoċesi ta' Għawdex
**33** Il-Wasla tal-Madonna ta' Pinu fuq il-Fosos...
**34** Id-diskors tal-Papa waqt ir-Regina Caeli
**35** Il-Papa jpoġġi l-Warda tad-Deheb...
**36** Il-Wardaa tad-Deheb...
**37** Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu fis-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt
**39** Il-Vjaġġ mill-Belt Valletta sal-Mosta...
**40** Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu fir-Rotunda tal-Mosta
**43** Il-Madonna Ta' Pinu lura fil-gżira tagħha...
**45** Il-Madonna Ta' Pinu tasal f'darha...
**46** Bolla tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI
**47** Messaġġ ta' Merħba mill-Isqof ta' Għawdex
**48** Omelija tal-Arċisqof ta' Malta
**51** Talba min-Nunzju Appostoliku
**53** Kartolina ta' Tifkira
**54** Rigal tal-Papa lis-Santwarju
**55** Paġna Letterarja

***Intenzjoni ta' din il-Ħarġa***

**Inpoġġu l-Papa Benedittu XVI taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu**

**ĦAJR LIL HSBC Bank u JDB Printing**

# *Infakkru...*



## *Il-Kelma tar-Rettur*

dun Gerard Buhagiar

Is-sena 2010 hija sena speċjali għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Hija sena li ġġib magħha tifkiriet u ġrajjiet importanti. Permezz ta' din il-Ħarġa speċjali nixtiequ nfakkru dawn il-ġrajjiet, mhux biss mill-aspett storiku, iżda biex dawn iġeddu u jqawwu l-fidi tagħna. Fidi li trid tiġi murija fil-ħajja ta' kuljum. Kelma żgħira dwar dawn il-ġrajjiet.

- L-ewwel ġrajja li qed titfakkar mill-Knisja, hija dik tad-Domma tal-Assunta. Kien nhar l-1 ta' Novembru 1950, sittin sena ilu, meta l-Papa Piju XII, ipproklama bħala domma ta' fidi li l-Verġni Mqaddsa Marija ġiet mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Jekk naħsbu ftit, il-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu hija ferm marbuta ma' din l-istqarrija. Għaliex kien nhar it-22 ta' Ġunju 1883, meta fis-skiet tal-kappella Ta' Pinu, il-Madonna mill-kwadru tagħha li juri t-tlugħ tagħha fis-sema, tkellem lill-Karmni Grima u tgħidilha biex tgħid tliet Ave Marija f'ġieh it-tlitt ijiem li l-ġisem tagħha dam fil-qabar. Waqt li f'Lourdes il-Verġni Marija bil-kliem tagħha lil Bernardette tikkonferma dak li l-Knisja iddefiniet fid-domma tal-Immakulata 4 snin qabel, f'Ta Pinu l-misteru tal-Assunta jiġi muri lix-xebba Karmni Grima, 67 sena qabel mal-Knisja universali tipproklama d-domma tal-Assunta. Hawn għandna xhieda mill-aktar antika tal-qima tal-poplu tagħna lejn il-misteru tal-Assunta. Għalhekk kull meta ngħidu t-tliet Ave Marija filwaqt li niftakru fil-misteru tal-Assunta jeħtieġ ukoll niftakru li l-mixja tagħna bħala dixxipli u wlied il-Verġni Marija hija mixja lejn is-Sema.

- It-tieni ġrajja li qed infakkru, hija dik tas-75 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Kien



Kappella tan-Nunzjatura, H'Attard



id-delegat tal-Papa, il-Kardinal Alessio Marija Lepicier, tal-ordni tas-Servi ta' Marija, meta fl-20 ta' Ġunju 1935 poġġa kuruna tad-deheb fuq ir-ras tal-Madonna Ta' Pinu. F'dan il-ġest tal-kardinal Lepicier, għandna konferma minn naħa tal-Knisja tad-devozzjoni tal-poplu Għawdxi u Malti lejn il-Madonna Ta' Pinu. Nemmen li l-kliem tal-Kardinal li qal dak inhar għadhom utli għalina lkoll, meta qal *"Nimitaw lil Marija fil-purita` tagħha, nitgħallmu minnha l-umilta` u nosservaw il-liġi tal-volonta` ta' Alla li torbotna miegħu u nissagrifikaw dak kollu li jbiegħdna mill-imħabba ta' Binha*."

- Ġrajja oħra li qed infakkru, hija dik tal-20 Anniversarju miż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju Ta' Pinu. Kien is-Sibt 26 ta' Mejju 1990 meta fi tmiem il-quddiesa ċċelebrata fuq iz-zuntier tas-Santwarju, il-Papa Ġwanni Pawlu II poġġa stellarju fuq ir-ras tal-Madonna Ta' Pinu. L-appell tiegħu kien lejn il-Familja, u dak inhar talab bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu biex il-familji tagħna jkunu l-qalba li fiha s-soċjeta` tkun tista' ssawwar impenn imġedded għall-Valuri tal-Vanġelu. U propju għalhekk nistaqsi: "fuq liema valuri qed nibnu l-familji tagħna llum?"

- U fl-aħħar nett huwa dover tagħna li nfakkru l-miġja tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. Papa li għalkemm ma setgħax jżur is-Santwarju Ta' Pinu, wera x-xewqa tiegħu permezz taċ-ċeromnier pontifiċju Mons. Gudio Marini, li l-Kwadru Mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu jittieħed Malta. Kien propju fid-diskors qabel it-Talba tar-Regina Caeli fejn huwa wera l-apprezzament tiegħu li l-kwadru ttieħed Malta għal din l-okkażjoni. Dritt wara huwa poġġa l-Warda tad-deheb f'Riġlejn il-Madonna Ta' Pinu biex jikkonferma l-qima nazzjonali tal-poplu Malti u Għawdxi lejn il-Madonna Ta' Pinu. Anke huwa bħal predeċessur tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, talabna biex insejħulha u nitolbuha bħala: **Sultana tal-Familja**. Iva l-warda li poġġa l-Papa qiegħda tfakkarna wkoll fil-missjoni li għandha kull familja nisranija: dik li xxerred il-fwieħa ta' Kristu ma' kullimkien, anke fis-soċjeta` moderna tagħna.

F'din il-ħarġa speċjali, kollha kemm hi b'ritratti bil-kulur, qed niġbru fil-qosor tagħrif dwar dawn il-ġrajjiet li qed infakkru, kif ukoll qed inwasslulkom rapport dettaljat dwar il-ġrajjiet li seħħew f'April li għadda, fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta u tal-pellegrinaġġ Nazzjonali, flimkien mal-quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla għall-miġja tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, li bħala Ragħaj tal-Knisja ġie fostna biex iġeddidna u jsaħħaħna fil-Fidi li ġabilna l-Appostlu Missierna San Pawl, 1950 sena ilu.



# *Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u d-domma ta' l-Assunta*



## *Is-60 Anniversarju mit-tħabbira tad-Domma*

**Joseph Bezzina**

Tul iż-żminijet, il-Knisja tal-Madonna Ta' Pinu għenet mhux ftit fit-tixrid tad-devozzjoni lejn l-Assunta. Is-siwi tagħha f'dan ir-rigward mhux biss hu rifless fost il-poplu Għawdxi, iżda wkoll fost il-Maltin, u 'l barra mix-xtut tan-Nazzjon Malti.

### Kappelli ta' Santa Marija

Il-poplu Għawdxi wera l-qima tiegħu lejn l-Assunta b'mod l-iktar konkret meta beda jibni knejjes u kappelli ddedikati lilha taħt dan it-titlu.

Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ġentili issemiet l-ewwel darba fil-viżta pastorali li l-Isqof Monsinjur Duminku Cubelles (1541-1566) għamel Għawdex fis-sena 1545. Diżgrazzjatment, ir-rapport ta' din il-viżta ntilef, iżda nafu li l-Isqof żar erba' u tmenin knisja u kappella b'kollox.



Ma nafux kemm minnhom kienu ddedikati lill-Assunta. Tletin sena wara, fis-sena 1575, Monsinjur Pietro Dusina għamel viżta appostolika. Minkejja l-ħerba li ħallew it-Torok fl-assedju tas-sena 1551, Dusina jgħarrafna li minn sitta u erbgħin knisja u kappella, sittax kienu ddedikati lil Madonna, u sebgħa lil Santa Marija.

L-istorku Għawdxi, Ġann Piet Agius De Soldanis għadd erbatax-il kappella differenti ddedikati lil Santa Marija fil-viżti pastorali li saru bejn is-sena 1575 u s-sena 1663. Illum minn ħamsin knisja u kappella pubblika li għandna Għawdex, tnejn u għoxrin huma ddedikati lill-Madonna, tlieta minnhom lill-Assunta - il-Knisja Katidrali, is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, u l-Parroċċa-Matriċi taż-Żebbug.

### Santa Marija - Patruna Speċjali

Id-dedikazzjoni ta' dawn it-tliet knejjes għenet ħafna biex id-devozzjoni lejn l-Assunta tkompli titkebbes.

F'April 1847, Monsinjur Publio Maria dei Conti Sant, devot kbir tal-Madonna, inħatar Isqof Koadjutur ta' Frangisk-Saverju Caruana, l-isqof ta' Malta u Għawdex. Ftit żmien wara, ressaq petizzjoni lill-Papa Piju IX biex jaħtar lil Santa Marija, patruna ta' dawn il-gżejjer.

Fil-petizzjoni kiteb li sa mill-qedem, iż-żewġ knejjes ewlenin tal-gżejjer Maltin, il-Katidral ta' Malta u l-Knisja Matriċi ta' Għawdex kienu ddedikati lill-Assunzjoni ta' Marija. Semma wkoll id-devozzjoni kbira li n-nies juru ta' kuljum fil-knejjes u kappelli ddedikati lilha.

Il-Papa Piju IX laqa' t-talba tiegħu u permezz tal-Breve Appostolika *Beatissimae Virginis Mariae* tat-18 ta' Frar, 1848, għoġbu jaħtar u jiddikjara lil Santa Marija Assunta **Patruna Speċjali ta' Malta u Għawdex.**

Il-qari tal-Breve sar f'Jum l-Ingress tiegħu fil-Katidral ta' l-Imdina, nhar il-15 ta' Ġunju, 1848.

Jidher ċar il-kontribut li t-titular tal-Katidral u l-kappelli ddedikati lill-Assunta - bħal dik Ta' Pinu - taw biex seħħet din il-ġrajja nazzjonali.

## Ittra lill-Papa Ljun XIII

Iżda l-aqwa kontribut li taw id-dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex u dak tas-Santwarju Ta' Pinu lilhinn mix-xtut tagħna kien fil-mixja lejn id-dikjarazzjoni tad-domma ta' l-Assunta.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, fid-dinja Kattolika qamet mill-ġdid ix-xewqa li t-Tlugħ tal-Madonna fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem ikun dikjarat domma tal-fidi.

Għawdex, djoċesi għalih mis-16 ta' Settembru, 1864, ta wkoll is-sehem tiegħu. Monsinjur Giovanni Maria Camilleri, l-Isqof ta' Għawdex, kien mitlub mill-Vatikan - bħall-isqfijiet kollha - biex juri l-fehma tiegħu dwar id-domma.

Nhar il-11 ta' Marzu, 1901, hu indirizza ittra lil Papa Ljun XIII dwar ix-xewqa tal-Għawdxin (Ara GUILHELMO HENTRICH - RUDOLFO GUALTERO DE MOOS, *Petitiones de Assumptione Corporea B.V. Mariae in caelum definienda ad Sanctam Sedem delatae,* Vaticanae 1942, 554). Din l-ittra qajla hi magħrufa u jixraq li nġibuha sħiħa:

> Un grande movimento si eccita nella Chiesa per dimandare alla Santità Vostra, di voler definire domma di fede la gloriosa risurrezione e corporea Assunzione di Maria Santissima al cielo. Il movimento veramente non è nuovo: nel Concilio Vaticano più di 200 fra Cardinali, Arcivescovi, e Vescovi umiliarono a Sua Santità Pio IX di santa memoria una supplica a questo scopo. Ma ora prende proporzioni assai più vaste: pare una ispirazione celeste.
>
> La credenza di questo trionfo della Vergine benedetta sulla morte è nella Chiesa antica quanto la Chiesa medesima. Molti dei Santi Padri, anche dei primi secoli, insegnarono essere essa dottrina rivelata, applicando alla Vergine Assunta varii testi della Sacra Scrittura. La perpetua tradizione lo proclama; la liturgia lo conferma; la ragione teologica lo dimostra.
>
> **Alle tante postulazioni pertanto, che di continuo pervengono alla Santità Vostra dagli Eccellentissimi Vescovi unisco pure io il mio ardentissimo voto, in nome eziandio del clero e popolo a me affidati, i quail professano meco una devozione specialissima verso questo mistero,**




Mons. Giovanni Maria Curmi




*Wieħed mill-ewwel pellegrinaġġ lejn il-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu*

**essendo *la Vergine Assunta in cielo Patrona principale della diocesi* e Titolare della nostra Cattedrale, nonchè di un altro Santuario, donde sparge moltissime grazie.**

Deh! Padre Santo, degnatevi proferire l'infallibile vostra parola, che aggiunge questa nuova gemma al diadema, die cinge il capo venerabile della Regina del cielo. Proferitela questa parola, che riempirà di giubilo e consolazione i cuori dei credenti, i quali sospirano di veder compita in terra la gloria della loro divina Madre, colla definizione dommatica del singolare privilegio finale, che corrisponde all'altro iniziale già definito dell'immacolato suo concepimento. Proferitela questa parola, che confonderà il secolo delirante nelle sue aberrazioni, e lo richiamerà, ai santi pensieri della vita futura, della gloria eterna, premio della pratica della dottrina evangelica e della imitazione delle virtù della gloriosa Vergine Maria, copia perfetta del suo Figlio: cose tutte dimenticate affatto dagli amatori del secolo perverso, che pur costituiscono la grandissima maggioranza dei redenti col sangue preziosissimo di Gesù Cristo.

Sottomettendo umilmente questo mio vote alla Santita Vostra, Le bacio il sacro piede ed implore per me e per tutta la diocesi l'Apostolica benedizione.

Gozo, 3 marzo 1901.

*Umilissimo servo ed obbedientissimo figlio*
*†Fr. Giovanni Maria, Vescovo.*

## Is-sehem ta' Ta' Pinu

L-Isqof Camilleri għarraf lill-Papa Ljun XIII li l-Għawdxin sa mill-ibgħad żminijiet żammew sħiħ it-tagħlim tas-Santi Padri li l-Madonna, fit-tmiem tagħha fuq din l-art, kienet imtella' s-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

L-Isqof għamel enfasi fuq il-*moltissime grazie,* in-numri kbir ta' grazzji li l-Madonna taħt it-titlu ta' l-Assunta kienet qiegħdha xxerred mis-Santwarju Ta' Pinu - xhieda, jrid jagħti x'jifhem l-isqof - li l-Madonna togħġobha l-qima lejha taħt dan it-titlu.

Turija ċara li d-dedikazzjoni Ta' Pinu tat anki sehem - żgħir kemm hu żgħir - lid-domma tat-Tlugħ fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Madonna.

# 60 sena ilu... Ċelebrazzjonijiet f'Għawdex



## f'ġieħ il-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta

Angelo Xuereb

F'Novembru tal-1950 il-Papa Piju XII, permezz tal-bulla *Munificentissimus Deus,* ipproklama t-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija bħala domma ta' fidi. F'Għawdex ma naqsux li jsiru festi biex jiċċelebraw din l-okkażjoni ta' ferħ għall-Knisja universali.



*Il-Papa Piju XII waqt il-proklamazzjoni tad-Domma*

### Akkademja Mużiko-letterarja

Dawn il-festi f'Għawdex bdew nhar it-Tlieta 21 ta' Novembru 1950 permezz ta' Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-presidenza tal-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace, fl-Oratorju Don Bosco. Il-palk ġie rranġat b'mod sabiħ ħafna permezz ta' fjuri, filwaqt li ġiet esposta x-xbieha ta' Marija Assunta, li kienet meqjuma fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala. Tajjeb li wieħed jinnota li oriġinarjament dan is-Santwarju kien iddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija.

F'din l-akkademja saru dawn id-diskorsi: Mons. Arċipriet Mikiel Ċefai għamel diskors qasir fil-bidu. Patri Akkursju Xerri qara bit-Taljan diskors tassew studjat fuq *"Il valore sociale della Bolla Munificentissimus Deus"*. Il-Professur Ġuże Aquilina qara diskors bl-Ingliż bit-titlu *"The Assumption of the Blessed Virġin in Local Tradition."* Mons. Emmanuele Mercieca qara diskors bil-Malti fuq id-Domma tal-Assunzjoni.

Mons. Dekan Salvatore Attard qara carmen tassew sabiħ bil Latin klassiku li jismu *"Virgine Sideribus Receptae"*, filwaqt li s-Sur Ġorġ Pisani qara poeżija bit-titlu "Nifirħu". Din il-poeżija tant ingħoġbot li s-sur Pisani ntalab jaqraha l-Ħadd, jum il-festa, x'ħin il-kwadru "Ta' Pinu" jasal fejn San Ġabku.

Rigward il-mużika ndaqqu dawn il-bċejjeċ: *"Ecce Sacerdos Magnus"* ta' Bentivoglio, li bih l-Isqof ntlaqa' fis-sala, l-Innu Pontifiċju u *"Oremus pro Pontefice"* ta' Candana. It-tenur Giulio Lopez, akkompanjat mill-orkestra kanta

*"L-Ave Regina Coelorum"* ta' Campodonico. Tkantat ukoll l-*"Ave Maria"* ta' Magri minn Kor Polifoniku. L-Orkestra daqqet il-final ta' "Nabucco" ta' Verdi. Is-Sur Giulio Lopez kanta wkoll is-*"Salve Regina"* ta' De Cesare, li ġiet segwita minn intermezz ta' Gounod. Kor numeruż kanta ir-*"Regina Coeli"* ta' Mondo, filwaqt li kien akkumpanjat mill-orkestra. Tkanta, kif ukoll l-orkestra akkumpanjatu, l-Innu *"I Giovani a Maria"* ta' Refice. Fl-aħħar indaqqu l-innu Malti u *"God Save the King"*. Il-mużika u l-kant tmexxew minn Dun Ġużepp Debrincat.

## It-Tridu

Fit-22, 23, 24 ta' Novembru, li kienu jaħbtu l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa rispettivament, sar Tridu ta' tħejjija għall-Ħadd, il-jum li fih kellha tiġi ċċelebrata l-festa tat-Tlugħ fis-Sema. Fil-Knisja Kattidrali l-priedki għamilhom Patri Akkursju Xerri. Fl-istess jiem, mill-istudju tal-Public Relations Office saru tliet xandiriet fis-7.00 p.m. L-ewwel taħdita għamilha s-Surmast Anton Buttigieg dwar Għawdex u l-Assunta. It-tieni taħdita għamilha Patri Alan Fenech O.P. dwar l-Assunzjoni tal-Verġni Marija u l-aħħar taħdita għamilha Dun Franġisk Borg fuq is-suġġett "Dmirna quddiem id-Definizzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni"

## Lejlet il-festa

Is-Sibt filgħodu, jiġifieri fil-25 ta' Diċembru 1950, saret quddiesa fil-Katidral ta' Għawdex, immexxija mill-Isqof Djoċesan Mons. Ġuzeppi Pace. Saret l-ewwel Tqarbina għat-tfal subien u bniet tal-iskejjel primarji tal-Gvern. Fil-priedka Mons Isqof ħeġġeġ lit-tfal biex jibqgħu jiftakru f'dan il-jum għażiż, filwaqt li jħarsu lejn Marija mtellgħa fis-Sema.

Filgħaxija telaq korteo *aux flambeaux* fis-6.15 mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Sadanittant korteo ieħor *aux flambeaux* telaq mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, flimkien mal-kwadru mirakuluż li minnu Karmni Grima semgħet il-leħen tal-Verġni Marija. F'salib it-toroq tal-Għarb u tal-Għasri, il-kleru tar-Rabat irċieva mingħand il-kleru tal-Għarb u San Lawrenz dan il-kwadru mirakuluż. Mat-triq ingħad ir-Rużarju sakemm twassal sal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn sar lejl ta' espozizzjoni ta' Ġesu` Sagramentat.

Kien ippjanat li jkun hemm tnax-il persuna quddiem Ġesu` Sagramentat, iżda l-poplu





kkonkorra bis-sħiħ biex imur quddiem is-Sagrament kif ukoll jitlob quddiem dan il-kwadru tant għażiż għall-Maltin u l-Għawdxin.



## Jum il-festa

Fit-8.am il-kwadru mirakuluż tal-Madonna ta' Pinu ttieħed fil-Knisja ta' San Ġakbu. Minħabba l-folla tan-nies, din il-knisja nżammet magħluqa sakemm sar il-Pontifikal fil-Katidral.

Fid-9.00am Mons Isqof Ġużeppi Pace qaddes quddiesa pontifikali li għaliha assistew ir-rappreżentanti tal-Kapitli Kolleġjali, l-Arċiprieti u l-Kapillani ta' Għawdex, qassisin sekulari u reliġjużi, kif ukoll għadd ta' Sorijiet flimkien ma' ħafna lajċi. Wara l-Evanġelju Mons. Isqof : "għamel omelija tassew sabiħa, fejn wera l-imħabba tiegħu lejn Marija u x-xewqa li wliedu kollha jħobbuha, billi jimitaw u jipprattikaw il-virtù li pprattikat hi biex bħalha jirnexxilhom wara l-qagħda f'din l-art ta' eżilju, imorru jgawdu għal dejjem."[1]

Fit-3.00 pm, saret purċissjoni bil-kwadru tal-Madonna ta' Pinu u mxiet fit-toroq ewlenin tal-Belt Victoria, mill-Katidral u lura. F'din l-okkażjoni daqqew iż-żewġ baned tar-Rabat. Il-Banda 'Leone' daqqet fi pjazza Sabina u l-Banda 'La Stella' daqqet ħdejn San Franġisk. Il-kwadru kien merfugħ minn membri tal-kleru li kienu liebsa l-abiti sagri.

Qabel ma daħlet lura lejn il-Katidral, il-purċissjoni waqfet quddiem il-knisja ta' San Ġakbu, jiġifieri fil-pjazza tat-Tokk. Quddiem il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu, is-Sur Ġorġ Pisani qara l-poeżija "Nifirħu". Imbagħad l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, il-President tal-kumitat tal-festi għamel kelmtejn ta' tislima lill-Madonna u wara l-Isqof ta' Għawdex qal it-talba tal-Papa lil Marija Assunta. Meta l-purċissjoni waslet il-Katidral tkanta *"Te Deum"* bil-mużika u Mons. Isqof għalaq il-festi bil-benedizzjoni sagramentali.

Hekk il-festi ġew ċelebrati bil-kbir: "Nhar is-Sibt u nhar il-Ħadd Għawdex, b'dak id-dawl fuq il-knejjes, il-bjut, galleriji, twieqi, mhux biss fuq il-ħitan tal-għelieqi, max-xaqlibiet tal-għoljiet kien fih dehra li tgħaxxaq, speċjalment minn fuq is-sur kienet titgawda xena li ftit rajna bħal fil-jum tal-Ħadd, b'dawk il-bandieri fuq il-bjut tal-uffiċini governattivi, fuq il-knejjes, konventi, istituti, każini u djar privati kien juri li dik inhar kienet festa singulari."[2]

## Għeluq il-festi

Fis-27 ta' Novembru l-kwadru ttieħed lura lejn is-Santwarju ta' Pinu fil-għaxija. Kien ippjanat li l-kwadru jiġi akkumpanjat *aux flambeaux*, iżda t-temp ma kienx jippermetti. Biex ma ssirx ħsara lill-kwadru, dan ittieħed lura b'xarabank, jiġifieri karozza tal-linja, filwaqt li n-nies marru ta' Pinu b' xarabankijiet oħrajn. B'hekk, b'mod ieħor, saret sfilata.

Wara saret il-reċita tar-Rużarju minn Patri Mons. Mikiel Mizzi, O.E.S.A, Rettur tal-Bażilika ta' Bona, skont intenzjonijiet differenti, Litanija għall-bżonnijiet tal-morda u l-konverżjoni tal-midinbin. Ma naqasx li jsir talb għar-ruħ ta' Karmni Grima u Mons. Giuseppe Portelli. Fl-aħħar ġew kantati l-innijiet "Ninġabru Ja nsara" kif ukoll il-*Magnificat*. Fl-aħħar ġew reċitati 7 Ave Marijiet.

Il-festi għaddew. Baqa' biss it-tifkira tagħhom fl-istorja. Iżda l-verita` li l-Verġni telgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem għadha attwali anki llum. F'dinja materjalista li qegħdin ngħixu fiha, din id-domma tfakkarna fil-ħwejjeġ spiritwali, speċjalment fil-qawmien mill-imwiet.

**Riferenzi**

[1] Għawdex, 3 ta' Diċembru 1950, p.3.

[2] Ibid. p.3.



# *L-Inkurunazzjoni tal-Madonna Ta' Pinu mill-Kardinal Alexis Henri Marie Lepicier*



## 75 Anniversarju minn din il-ġrajja

**Joseph Galea** MD FRCS(CTh)

Fil-bidu tat-tletinijiet tas-seklu għoxrin id-dinja kollha kienet maħkuma mid-Depressjoni l-Kbira li ħalliet tbatija kbira. L-Ewropa kienet f'xifer il-gwerra. Is-saħħa tal-Fuhrer tal-Ġermanja, Adolf Hitler kienet qiegħda titqawwa bil-kif u fil-bidu tas-sena 1935 kiser it-trattat ta' Versaille u beda jibni armata kbira fil-Ġermanja[1]. F'dan iż-żmien il-kampanja kontra l-Lhud fil-Ġermanja Nażista laħqet il-qofol tagħha[2]. L-Italja fuq naħa u Franza u l-Ingilterra fuq ix-xaqliba l-oħra jillitikaw fuq l-Abbisinja[3,4]. Il-qiegħa Ewropeja bdiet tisħon sew. Dan iċ-ċaqliq ma setgħax ma jaffettwax lil Malta. Il-gvernatur ta' Malta David G. M.Campbell kien issospenda l-kostituzzjoni ta' Malta u ħa d-direzzjoni tal-Gżejjer Maltin f'idejh fit-2 ta' Novembru 1933[5]. Il-piki politiċi ta' Malta tħalltu mal-politika tal-Italja u tal-Ingilterra. Il-kwistjoni tal-lingwa kienet għadha taħraq sew.




*L-arma tal-Kardinal Lepicier*

F'Mejju 1935, Malta flimkien mal-Imperu Brittaniku kollu ċċelebrat il-ġublew tar-Re Ġorġ V bil-kbir[6]. Fit-8 ta' Ġunju, Malta laqgħet bi ħġara lid-Delegat tal-Papa l-Kardinal Alessio, Enrico Maria Lepicier Membru tal-Ordni tas-Serviti (ritratt fuq) li ġie Malta biex jippresjedi l-Konċilju Reġjonali ta' Malta u Għawdex u jinkuruna lill-Madonna ta' Pinu[7].

Il-Kardinal Lepicier twieled 72 sena qabel fit-28 ta' Frar 1863, s-sitt wild minn tmienja ta Francois Henri Lepicier u Marie-Claire Hette ġo dar f'Passage St-Esprit f'Vaucouleurs li kienet tagħmel parti mid-djoċesi ta Verdun fil-grigal ta' Franza. Għammduh ftit ġranet wara u semmewh Henri. Ta' ħmistax-il-sena daħal fl-Ordni tas-Serviti Ta' Marija fil-kunvent tagħhom f'Fulham Road, Londra. Ġie ordnat saċerdot fis-19 ta' Settembru 1885 u kkonsagrat arċisqof fit-22 ta' Mejju 1924. Fil-Konċistorju tas-19 ta' Diċembru 1927 il-Papa Piju XI għamlu Kardinal u rċieva t-titlu ta' Santa Susanna. Qabel ġie Malta bħala Legat tal-Papa għall-Kunsill Reġjonali ta' Malta f'Ġunju ta' 1935 kien appuntat Legat tal-Papa għaċ-ċelebrazzjonijiet ad unur ta' Santa Ġovanna d'Arko f'Orleans, Franza fl-1929 u għall-Kungress Nazzjonali Ewkaristiku f'Kartaġni fl-1930[8].

Fl-1933 kien jaħbat għeluq il-50 sena minn meta Karmela Grima kienet semgħet leħen il-Madonna jsejħilha mil-kappella ddedikata

lit-Tlugħ is-Sema ta' Marija jew kif hi magħrufa l-Madonna Ta' Pinu. Fis-6 ta' Frar tal-1933 ftit xhur wara li dan it-tempju kien ingħata t-titlu ta' Bażilika mill-Papa Piju XI, l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mikiel Gonzi kiteb lill-Kardinal Ewġenju Pacelli, l-arċipriet tal-Bażilika tal-Vatikan biex il-Kapitlu ta' San Pietru jagħti l-permess sabiex ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu tiġi nkurunata[9]. Billi sentejn wara kien ser isir il-Konċilju Reġjonali ta' Malta u Għawdex l-Isqof Gonzi ħaseb li jkun xieraq kieku l-inkurunazzjoni tal-Madonna ssir mid-delegat tal-Papa fl-istess żmien. Fl-24 ta' Mejju 1933, l-isqof kiteb lil Monsinjur Giovanni Bressan segretarju tal-Kapitlu tal-Vatikan[10] b'din il-proposta u l-Papa laqa'din it-talba.


[24 ta' Ġunju 1933

SEJHA

Dun Ġużepp Portelli, Rettur tal-Bażilca Santwarju «ta' Pinu» jitlob bil-kalb lid-devoti tal-«Madonna ta' Pinu» sabiex jatu xi ħaga fil-ġabra li bi ħsiebu jagħmel għal **CURUNA TAD-DEHEB BIL-HAGIAR PREZZIUS**, li biha sejra tigi sollennement incurunata ix-Xbieha miraculuża tal-Madonna «ta' Pinu». Il-curuna tcun magħmula mid-deheb u l-ħagar prezzjus mogħtija mid-devoti.

Min irid jati xi ħaġa, sewwa deheb chemm flus, jista' jibgħatha lir-Rettur li semmejna jew lill-Cappillan ta' Monsinjur Iskof ta' Għawdex jew lil Patri Anton minn Għawdex fil-Cunvent tal-Patrijiet Cappuccini tal-Furjana.

**AVVIS**

Min irid jagħmel ritratti tal-Porcellana ta' cull daks naturali u bil-culur tondi jew ovali

*Sejħa għall-ġbir ta' flus u deheb għall-kuruna*

L-Għawdxin u l-Maltin li kienu għenu kemm felħu bil-flus u bix-xogħol volontarju biex jinbena s Santwarju ta' Pinu bdew jagħtu kontribuzzjonijiet biex tinħadem il-kuruna tal-Madonna. Permezz tal-Leħen is-Sewwa tal-24 ta' Ġunju 1933, ir-rettur tal-Bażilika Ta' Pinu Dun Ġużepp Portelli għamel sejħa sabiex jinġabru flus u deheb għal din il-kuruna[11].

Il-kuruna nħadmet fuq disinn tal-Kavalier Vincenzo Bonello li kien id-direttur tal-*Belle Arti* f'Malta. Il-kuruna *'hija tad-deheb pur, tkila ħafna u maħduma b'disinn floku u delicat'* u fiha *'3 smeraldi, bosta brillanti, granati, diamanti u ħaġra sewda ta' valur kbir'*[12]. Dan id-deheb u l-ħaġar prezzjuż *ġew irregalati b'ġenorosita` kbira minn l'għawdxin u l-maltin'*. L-isqof Gonzi *'iċċaħħad minn salib miżgħud bid-diamanti avolja kien għalih oġġett ta għożża kbira u ta' tifkiriet li ma jistax jinsihom'* biex jitwaħħal fuq il-kuruna[12].

Fid-29 t'April 1935 l-Isqof Mikiel Gonzi kien Ruma minn fejn bagħat ċirkolari *"ante portam Latinam"* fejn informa lill-kleru u l-lajċi tad-djoċesi t'Għawdex li f'udjenza li kellu mal-Papa hu kien mgħarraf li l-Papa kien ħatar lil Kardinal Lepicier bħala legat tiegħu '*sabiex jinkuruna sollenement il Qwadru mirakoluz ta' Maria Assunta illi jinsab ivvenerat fis-santwariu tad-Diocesi ta' Għaudex magħruf b' "Ta Pinu".*' L-Isqof kiteb li din ser tkun ġrajja kbira għad-Djoċesi t'Għawdex u li *tibka miktuba b'karattri tad-deheb fli storia tad-djoċesi maħbuba tagħna'*. Fiċ-ċirkulari mbagħad iħeġġeġ lill-Għawdxin biex jippreparaw rwieħom ħalli *'tilqgħu kif jixraq li jagħmel poplu eminentement kattoliku, ir-Rappresentant tal Vigariu ta' Kristu.'*[13]. Fil-Breve tal-Papa Piju XI bid-data tal-24 ta' Mejju 1935 u ffirmata mill-Kardinal Ewġenju Pacelli naqraw '*Huwa magħruf illi l-Verġni Marija Ta' Pinu tant għamlet mirakli biex tpatti għall-fidi tal-poplu fiha, illi l'insara, b'numru kbir mhux biss minn Għawdex, imma wkoll mid-djoċesi viċina ta' Malta jiġu f'dan is-Santwarju biex jitolbu lill-Madonna għall-grazzji jew jirringrazzjawha ta'dawk li jkunu qalgħu minn għandha. Għalhekk billi dalwaqt ser jiġi ċċelebrat il-Kunsill Regjonali ta' Malta, Ħuna l-Isqof ta' Għawdex jaħseb li jkun xieraq li jieħu din l-opportunita' biex juri x-xewqa tiegħu u tal-poplu mmexxi minnu li aħna nordnaw li l-Inkurunazzjoni tal-Madonna Ta' Pinu ssir f'isimna. Aħna niddikjaraw li ser nissapportjaw dawn ix-xewqat b'qalbna kollha għaliex aħna konvinti li d-devozzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin lejn Sidtna Marija tkompli titkattar. Biex inkabbru s-sollenita' ta' dawn iċ-ċelebrazzjonjiet il-persuna tagħna ser tkun rappreżentata*



Il-Kardinal Lepicier fuq id-destroyer Wren sejjer lejn Għawdex

*fiċ-ċeremonja tal-Inkurunazzjoni minn wieħed mill-Kardinali tal-Knisja Kattolika Rumana. Bis-saħħa ta' din l-ittra appostolika u bl-awtorita tagħna, nafdaw din il-missjoni f'idejn l-iben maħbub tagħna, Alessju Enriku Lepicier, tal-Ordni Presbiterali, bit-titlu ta' Santa Susanna u l-Legat tagħna għall-Kunsill Reġjonali Malti li semmejna qabel'* [14].

F'Għawdex bdiet it-tħejjija spiritwali għall-Inkurunazzjoni tal-Madonna mill-Ħadd 16 ta' Ġunju meta fil-Parroċċi kollha t'Għawdex saru priedki fuq l-Inkurunazzjoni. Nhar it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa 17, 18 u 19 ta' Ġunju sar tridu fil-Bażilika Ta' Pinu. Fil-5.30 ta' filgħodu ta' kull ġurnata tat-tridu kien hemm quddiesa bit-tqarbina u fis-6.30 ta' fil-għaxija kien hemm ir-reċta tar-rużarju, priedka u barka sagramentali.

Il-Kardinal Lepicier laqqa' il-Kunsill Reġjonali mill-Ħadd 9 ta' Ġunju sal-Ħadd ta' wara. Nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju fil-5.00 ta' fil-għaxija l-Kardinal Legat ħalla x-xatt tad-dwana fil-Port il-Kbir fuq id-destroyer tan-Navy Ingliża '*Wren*' akkumpanjat mil-Arċisqof Mauro Caruana, L-Isqof t'Għawdex Mikiel Gonzi u membri oħra tad-delegazzjoni pontifiċja u wasal l-Mġarr Għawdex fis-6.30.

L-Eminenza tiegħu ġie milqugħ l-Mġarr mill-Kummissarju t'Għawdex, membri tal-Kapitlu Katedrali t'Għawdex u ta' Kapitli oħra tal-gżira, rappreżentanti tal-kleru u tad-dipartimenti ċivili u folla kbira ta' nies mimlija entużjażmu. Il-Gwardja tal-Unur ġiet mogħtija mill-kumpanija Għawdxija tal-King's Own Malta Regiment taħt il-kmand tal-Kaptan M. Apap Bologna u mmexxija mil-Kurunell P.R. Worrall tad-Devonshire Regiment[15]. Wara, il-Kardinal sema' l-indirizz ta' merħba mill-Isqof t'Għawdex minn fuq tron li tpoġġa apposta fix-xatt tal-Mġarr. Kif ra dik il-folla mħeġġa l-Kardinal wieġeb għat-tislima tal-Isqof billi fakkar lill-fidili d-Diskors tal-Muntanja u fisser fil-qosor il-Bejatidudni. Imbagħad l-Kardinal flimkien mal-Isqof u d-delegazzjoni tiegħu telqu f'karkejd lejn ir-Rabat u t-toroq li għaddew



Il-wasla tal-Kardinal fil-port ta' l-Imġarr

minnhom kienu miżgħuda bl-Għawdxin kollhom mħeġġa jilqgħu bil-ferħ lil-Eminenza tiegħu. Kif wasal ir-Rabat il-Legat ġie milqugħ bid-daqq tal-qniepen u l-isparar tal-murtali. Il-laqgħa tal-folla laħqet il-qofol tagħha meta wasal quddiem il-palazz tal-Isqof fejn kellu joqgħod il-Kardinal kemm idum Għawdex[16]. L-għada l-Erbgħa 19 ta' Ġunju saret ikla kbira għad unur tal-Kardinal fis-sala l-kbira tas-Seminarju ta' Għawdex li għaliha kienu mistiedna mitt ruħ[17].



*Parti mill-folla tan-nies miġbura fil-Pjazza tal-Knisja Ta' Pinu*

Il-funzjoni tal-Inkurunazzjoni saret wara nofsinhar tal-Ħamis 20 ta' Ġunju 1935, festa tal-*Corpus Christi* li dak iż-żmien kienet festa kkmandata u ma jsirx xogħol. Fis-7.30 ta' fil-għodu ta' din il-ġurnata, l-Kardinal tela' proċessjonalment mill-palazz tal-Isqof għall-katidral ta' Għawdex. '*It-Triqat kienu fgati bin-nies*' [16]. L-Isqof Monsinjur Mikiel Gonzi qaddes pontifikal fil-katidral u l-Kardinal Lepicier assista mit-Tron. Il-knisja kienet imballata bin-nies u ħafna spiċċaw barra fil pjazza tal katidral. Il folol li kien hemm Għawdex dakinhar kienu kbar. Numru kbir ta' devoti tal-Madonna Ta' Pinu qasmu minn Malta għal Għawdex. Il-karozzi tal-linja bejn il-Belt u l-Marfa mimlija daqs bajda ħadmu bla waqfien minn fil-għodu kmieni u l-istess għamlu l-vapuri li jġorru l-passiġieri bejn Malta u Għawdex. Mill-Marfa ġarrew il-passiġġieri l-*s.s. Lady Strickland* u l-*s.s. King of England* u mix-xatt tal-Belt Valletta ħadmu l-*s.s. Golly* u l-*s.s. Silver Jubilee*[18]. Il-vapur li kien jgħabbi l-vetturi ġarr numru kbir ta' karrozzi lejn Għawdex li allura żied it-traffiku f'dik l-gżira bħal qatt qabel[19].

Minn kmieni wara nofsinhar fix-xemx taħraq ta' Ġunju l-pellegrini bdew b'kull mezz possibli jaqbdu triqthom lejn is-Santwarju ta' Pinu. Min telaq bil-mixi, min mar bix-xarabank, bit-taxi jew bil-karozza tiegħu. Il-pulizija żammet l-ordni fit-toroq li jwasslu għall-Bażilika. Il-kwadru bl-imaġini ta' l-Assunta mpinġi fl-1619 minn Amadeo Perugino u li minnu tkellmet il-Verġni Marija ddendel fuq artal mibni apposta fuq planċier quddiem il-bieb prinċipali tas-Santwarju.

Fil-5.00 ta' wara nofsinhar wasal il-Kardinal Lepicier bl-isqfijiet ta' Malta u Għawdex wieħed fuq kull naħa, segwit mid-delegazzjoni pontifiċja u eskortat mil-kavallerija tal-pulizija. L-eluf ta' nies li nġabru fil-pjazza tal-knisja laqgħu d-Delegat tal-Papa b'ċapċip kbir u għajjat ta' 'Viva l-Papa'.

Il Kardinal imbagħad daħal ġol Maqdes akkumpanjat bil-kant sagru mil-kor tas-Seminarju Episkopali ta' Għawdex fejn tkantaw il-Vespri Sollenni u l-Għasar Pontifikali mmexxija mill-Eminenza tiegħu l-Kardinal u assistit mil-kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex.

Wara l-Għasar il-Kardinal akkumpanjat mill-isqfijiet tal-gżejjer Maltin, il-Kapitlu



tal-Katidral u l-Kapitli tal-Kolleġjati ta'Għawdex flimkien ma ħafna qassisin u reliġjużi ħareġ mill-knisja f'purċissjoni qasira li ħaditu ħdejn il-planċier fejn kien hemm il-kwadru tal-Madonna. Fil-purċissjoni kien hemm ukoll il-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca li kien jirrappreżenta l-poplu iġorr fuq '*kuxxin tal-bellus il-kuruna li biha kienet sejra tiġi imżejna l-Madonna'* [16]. Kif waslu fuq il-planċier l-Isqof Gonzi qara l-Brevi fejn il-Qdusija tiegħu il-Papa Piju XI awtorizza l-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu. Imbagħad inqara l-Att Notarili quddiem ir-rappreżentant tal-poplu Sir Arturo Mercieca fejn ir-rettur tal-Knisja ta' Pinu Dun Ġużepp Portelli ngħata obbligazzjoni perpetwa sabiex jipproteġi l-kuruna tal-Madonna Ta' Pinu.



Il-Kardinal Legat tela' t-tarġiet ta' quddiem il-kwadru u kommoss għall-aħħar, poġġa l-kuruna fuq ras il-Madonna fost ċapċip u għajjat ta' ferħ ta' dawk preżenti li kien ilhom jistennew din l-okkażjoni s-snin .

Daqqew il-qniepen tas-santwarju u tal-knejjes ta' Għawdex kollu u ġew sparati salut wara l-ieħor. l-Isqof Gonzi li ra ħolma tiegħu ssir rejalta` għamel diskors qasir fejn spjega s-sinifikat ta' din iċ-ċerimonja. "*Ferħ kbir qiegħed jimlieli qalbi tant illi ma nistax insib kliem biex infissru*" qal l-isqof imqanqal ...... "*nesprimi sens ta' ringrazzjament lil Alla fuq kollox li wara li tana il-grazzja li naraw dan is-santwarju mgħolli għad-dinjita` ta' Bażilika issa tana x-xorti wkoll naraw l-inkurunazzjoni tal-għażiża Omm Alla bid-deheb tal-irġiel u n-nisa tagħkom bħala sinjal ta' qima lejn il-Madonna. U intom ġejtu minn kullimkien biex tassistu għal din l-inkurunazzjoni u qalbkom bħal qalbi qiegħda tħabbat bl-entużjażmu u ma dan l-entużjażmu qiegħed jassoċja ruħu l-Kardinal Lepicier li bħala iben ta' Marija, kif qalilna hu stess f'kull ċirkustanza li tkellem kien qiegħed jistenna bil-ħrara dan il-mument sabiħ u sollenni...*" u jkompli "*....din id-devozzjoni* (lejn il-Madonna) *xegħlet iktar u iktar meta 52 sena ilu, Marija sejħet lil Carmela Grima u uriet li għażlet dan il-lok fil-kwiet tal-kampanja, imdawwar minn dawn l-għoljiet sbieħ, bogħod mil-irvell tal-ibliet u minn hawn riedet li jinxterdu xita ta' grazzji u ta' konverżjonijiet u intom ridtu li f'dan il-post turu l-imħabba tagħkom u tellagħjtu dan it-tempju u flimkien mas-saċerdoti illum qegħdin twettqu din l-imħabba u qegħdin tistiednu biex din ix-xbieha għażiża ta' Marija tkun inkurunata bħala sultana tal-gżejjer tagħna. Din il-kuruna tkun bħala ringrazzjament għal ġid kollu li għamlet magħna......*" L-isqof jispiċċa d-diskors tiegħu fejn jitlob lill-Madonna biex tmexxi lill-awtoritajiet spiritwali u ċivili, lis-soċjeta` u lill-familji ta' Malta u Għawdex. Id-diskors tal-Isqof qanqal wisq lil dik il-folla miġbura u ħafna minn dawk li kien hemm bkew bil-ferħ u bl-emozzjoni.

Il-Kardinal Lepicier kuntent u mpressjonat bil-kbir bl-entużjażmu ta' dawk preżenti ma felaħx ma jurix l-apprezzament tiegħu. "*Liema pjaċir, liema ferħ, liema hena*" qal il-Legat tal-Papa, "*għalija wieħed mis-servi ta' Marija li messitni x-xorti inkun magħżul biex f'isem il-Papa nqiegħed fuq ras Marija Assunta il-kuruna tad-deheb li offrejtulha. Ferħ u hena li ġġedded u tkattar fina t-tama ta' dik il-konsolazzjoni u l-paċi bla tmien li naraw lil Verġni Imqaddsa nkurunata għal dejjem fis-sema.*" Il-Legat qal li l-ħaġar prezzjuż ta' din il-kuruna jissimbolizza tliet għamliet ta' teżori li jżejnu lil Marija. "*Fl-ewwel ġemmi naraw il-Kunċizzjoni Immakulata tagħha, il-purita`, l-umilta, d-dedikazzjoni sħiħa tagħha għall-adorazzjoni t'Alla li ppredestinaha għall-ogħla quċċata tal-ħolqien kollu. Fit-tieni ħaġar prezzjuż naraw il-krejatura l-iktar viċina lejn Alla, li fl-umilta` tagħha taċċetta li ssir l'Omm t'Alla u tingħaqad m'Alla f'rabta l-iktar intima. Imbagħad fit-tielet għamla ta' ħaġar*

*prezzjuż naraw it-tbatija u d-dulur tal-Ko-redentriċi tal-bniedem, issofri ma Binha Ġesu` l-passjoni u l-konsegwenzi tad-dnub li qatt ma niġġisha."*

*"Dawn huma t-tliet tagħlimiet kbar għall-ħajja tagħna,"* kompla l-Kardinal *"biex nilħqu l-iskop tal-ħajja u l-hena ta' dejjem. Nimitaw lil Marija fil-purita` tagħha, nitgħallmu minnha l-umilta` u nosservaw il-liġi tal-volonta` t'Alla li torbotna miegħu u nissagrifikaw dak kollu li jbiegħdna mill-imħabba ta' Binha. Kattru fikom id-devozzjoni lejn Marija u Marija twassalna għand Ġesu`. Marija agħti lil dan il-poplu li jippersevera sal-aħħar fl-imħabba t'Ibnek, biex kif illum aħna poġġejna fuq rasek din il-kuruna, fl-aħħar tkun int li tinkuruna lil dawn il-fidili tiegħek u lill-Kardinal Legat."* U spiċċa d-diskors tiegħu billi esklama *"Viva Marija Regina. Viva il-Papa. Viva Kristu Re"*. U l-folla rrepetiet dawn it-tliet għajtiet qishom l-eku qawwi tal-kliem tal-Kardinal. Fl-aħħar taċ-ċeremonja tkanta t-*Te Deum* u l-folla xterdet.




*Il-qoxra ta' quddiem tal-ktieb ta' tifkira stampat Ruma, 1935*

L-għada fil-għodu, l-ġimgħa 21 ta' Ġunju l-Kardinal Legat telaq minn Għawdex. Fl-Imġarr inġabret folla kbira sabiex issellimlu u tirċievi l-aħħar barka tiegħu qabel ma jitlaq lura. Fis-6.00 ta' fil-għaxija tal-istess ġurnata il-Kardinal ħalla Malta fuq il-vapur taljan '*Milano*' fost l-għajjat ta' 'Viva l-Papa' min-nies li kienu fuq is-swar u fuq mijiet ta' dgħajjes fil-port il-kbir[16,17]. Il-'*Milano*' kien akkumpanjat minn żewġ destroyers Ingliżi '*Wishart*' u '*Witshed*' sa għoxrin mil il-barra minn Malta[20].

Il-Kardinal Lepicier miet minħabba anemija perni/ja fl-20 ta' Mejju 1936, ħdax il-xahar biss wara li ħalla Malta[21].

NB. Nixtieq nagħti r-rikonoxximent tiegħi lill-Leħen is-Sewwa minn fejn ittieħdu r-ritratti.

***Nota Editorjali:*** *It-test oriġinali tal-priedka u l-kwotazzjonijiet minn fuq il-gazetti ġew irranġati għall-Malti ta' żmienna peress li kienu miktuba bl-ortografija tal-Malti antika.*


**Referenzi**

1. Ganado H. *Rajt Malta Tinbidel*. Vol. 2 paġ 31. Midsea Books, Valletta, (1974).
2. Grant R, Laing J, Flynn M. *Visual History of the 20th Centuiy* (Editui ġeneiali, Buiiows T) Caiiton Books, London, UK, paġ 140 (1999).
3. *Malta* 13 Giugno 1935 paġ 2.
4. *Times of Malta* 12 June 1935 paġ 1.
5. Ganado H. *Rajt Malta Tinbidel*. Vol. 2 pa; 33. Mldsea Books, Valletta, (1974).
6. Ganado H. *Rajt Malta Tinbidel*. Vol. 2 pa; 51-52. Midsea Books, Valletta, (1974).
7. *Leħen is-Sewwa* 12 :unju 1935 paġ 4.
8. Chapeau, O.S.B. André and Fernand Combaluzier, C.M. *]piscopologe français des temps modernes, 1592-1973.* Paris : Letouzey et Ané, 1974, pa;. 385-386
9. Cauchi N.J *Ta Pinu Shrine....The Pilgrims' Haven*. Edizzjoni 2 paġ 75, Ta Pinu Publications (2008).
10. *Atti tal-Isqof Gonzi* (1933) paġ 70.
11. *Leħen is-Sewwa* 24 ta' Ġunju 1933 paġ 8.
12. *Leħen is-Sewwa* 25 ta' Mejju 1935 paġ 2.
13. *Leħen is-Sewwa* 11 ta' Mejju 1935 paġ 4.
14. R.M. Taucci. *Sua Eminenza il Cardinale Alessio Enrico M. Lépicier Legato del Papa per la celebrazione del Concilio Regionale di Malta e Gozo e per l'incoronazione dell'Immagine miracolosa detta 'Ta Pinu' a Gozo, Roma,* Tip. *Buona* Stampa 1935, pa; 56.
15. *Malta Chronicle and Imperial Services Gazette* 22 June 1935 paġ 3.
16. *Leġen is-Sewwa* 29 ta' Ġunju 1935 paġ 1-2.
17. *Malta* 21 Giugno 1935 paġ 2.
18. *Malta Chronicle and Imperial Services Gazette* 8 June 1935 paġ 4.
19. *Malta Chronicle and Imperial Services Gazette* 22 June 1935 paġ 4.
20. *Berka 22 Ġunju 1935* paġ *4.*
21. Lépicier, Augustine M. *Le Cardinal Lépicier des Servites de Marie*. 2 vols. Paris, 1946.

# L-Altar tal-Inkurunazzjoni - 20 ta' Ġunju 1935



## 75 Anniversarju minn din il-ġrajja

dun Duminku Camilleri



*Dun Ġużepp Vella*

Eżattament 75 sena ilu, fil-gżejjer maltin kien hawn il-Legat tal-Papa Piju XI, l-Em. T. il-Kardinal Alessio Enrico Lepicier biex imexxi l-Konċilju Reġjonali li kien imsejjaħ mill-Arċisqof ta' Malta, Mons Mawru Caruana u l-Isqof ta'Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi. Il-Kardinal wasal fostna s-Sibt, 8 ta' Ġunju 1935. L-għeluq ta' dan il-Konċilju Reġjonali sar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju meta quddiem folla enormi ta' madwar 80,000 ruħ miġbura fuq il-fosos tal-Furjana, il-Kardinal Lepicier ikkonsagra lill-gżejjer maltin lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu`.

Minn Malta, il-Kardinal Lepicier ġie Għawdex biex bħala Legat tal-Papa jinkuruna l-kwadru mirakoluż tal-Madonna ta' Pinu. Dan sar fil-festa kmandata ta' *Corpus Domini*, nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 1935. Ta' min ifakkar hawn li l-kwadru Ta' Pinu kien armat fuq l-altar tal-injam li kien inħadem minn Dun Ġużepp Vella (1854-1906) (ta' Karkanja) min-Nadur. Dun Ġużepp kien ħadmu għall-kappella privata tiegħu li kellu fid-dar tiegħu. Xi snin wara li miet, ħutu kienu ħadu dan l-altar fil-knisja ddedikata lill-Qalb ta' Ġesu`, li huwa kien beda jibni n-naħa l-oħra tat-triq fejn kien joqgħod, fi Triq il-Knisja. Dan l-altar wieħed għadu jista jarah sal-lum f'din il-knisja. Dan it-tagħrif qaluli neputih stess Ġużepp Vella li għadu mimli bl-għomor.

Dun Ġużepp ġie ordnat saċerdot fil-15 ta' Ġunju 1878, fil-Katidral ta' Għawdex, mill-Isqof Mons. Pietru Pace.

Meta kellu 48 sena, ta bidu għall-bini tal-knisja tal-Qalb ta' Ġesu` fin-Nadur. It-tberik ta' l-ewwel ġebla sar fl-4 ta' Mejju 1902, mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Ġanmarija Camilleri O.E.S.A. Iżda ma kellux ix-xorti jaraha lesta, għaliex meta l-bini kien wasal fil-gwarniċjun, wieħed mill-ħaddiema waqa' minn dak l-għoli kollu. Għalkemm il-ħaddiem ma ġralu xejn, kulħadd ħa qatgħa, speċjalment Dun Ġużepp. Hu baqa' sejjer lura, sakemm miet fis-17 ta' Ġunju 1906 fl-eta` ta' 52 sena. Fil-perjodiku maħruġ minn Għawdex, *Devot ta' Maria*, "Kien tassew Saċerdot eżemplari li ħadem mhux ftit għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Nistgħu ngħidu li l-gżira tagħna tilfet wieħed mill-aqwa saċerdoti li kellha. "

Nispiċċa dan l-artiklu billi nfakkar li bħala tifkira ta' din l-okkażjoni, fil-parroċċa tan-Nadur inbniet kappellina li hija ddedikata lill-Madonna ta' Pinu. Ġiet mibnija mill-Kav. Ġużeppi Camilleri (1858-1937) u mbierka mill-Isqof, Mons. Mikiel Gonzi fit-2 ta' Diċembru 1935.

# Ir-Rabta tal-Madonna Ta' Pinu mal-Familji Maltin u Għawdxin



## milll-Omelija tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Ta' Pinu

dun Renato Borg

Fis-26 ta' Mejju tas-sena 1990, propju għoxrin sena ilu l-Papa Ġwanni Pawlu II kien mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-pjazza tas-Santwarju ta' Pinu fil-vjaġġ apostoliku li kien għamel f'Malta bejn il-25 u is-27 ta' Mejju 1990. Din kienet l-ewwel quddiesa li kien qiegħed imexxi fl-okkażjoni ta' dan il-vjaġġ appostoliku. F'dan l-artiklu xtaqt li nuri li fl-omelija li lissen il-Papa f'din l-okkażjoni xtaq li juri r-rabta li għandu jkun hemm bejn il-Madonna ta' Pinu u l-familja. Għalhekk meta fuq il-fosos tal-Furjana il-Papa Benedettu XVI sejjaħ il-Madonna ta' Pinu "Sultana tal-Familja" kien qiegħed ikompli fuq il-passi tal-predeċessur tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Infatti l-Papa Benedettu XVI fit-18 t'April tas-sena 2010 fil-Quddiesa li ċċelebra fuq il-Fosos tal-Furjana qal "B'mod partikolari nitlobkom biex titolbuha (lill-Madonna ta' Pinu) bit-titlu ta' Sultana tal-Familja, titlu li kien miżjud fil-Litanija Lawretana mill-maħbub predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II." U nistgħu ngħidu mingħajr ma nkunu niżbaljaw titlu li l-Papa Ġwanni Pawlu II, għoxrin sena qabel kien diġa` taha fl-omelija li sejrin nieħdu xi siltiet minnha biex nagħtu prova ta' dan li qegħdin ngħidu.

*"Filwaqt li nsellmilkom ilkoll fl-imħabba tal-Mulej, nassigurakom mit-talba tiegħi sakemm il-paċi ta' Kristu ssib dejjem għamara fi qlubkom u fi djarkom."* Din hija t-tislima li biha l-Papa Ġwanni Pawlu II fetaħ l-omelija tiegħu, tislima li turi li mill-post partikolari fejn kien, jiġifieri minn quddiem is-Santwarju ta' Pinu, il-Papa wera x-xewqa tiegħu li l-paċi ta' Kristu tgħammar mhux biss fi qlub kull persuna iżda wkoll fi djar tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Propju l-fatt li kien quddiem is-Santwarju ta' Pinu l-Papa ried jassigura lill-poplu Malti u Għawdxi mit-talb tiegħu għall-familji kollha u li dak li kien ser jgħid kien fuq kollox indirizzat lill-poplu li jgħix f'dawn id-djar, jiġifieri l-familja.

*"B'mod għal kollox speċjali Marija kienet il-patruna tal-familji nsara ta' Malta u Għawdex, għaliex dawn fittxew li jwettqu l-ħidma unika tagħhom fid-dawl tar-rieda ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Għandna nkunu fiduċjużi li, b'imħabba materna, Marija qatt ma waqfet milli tidħol għall-ġenerazzjonijiet ta' ġenituri u ulied, billi tnebbaħ fihom dak il-biża' tal-Mulej li huwa l-bidu tal-għerf (ara Sal 110,10) u takkumpanjahom fil-pellegrinaġġ tal-fidi."* Il-Papa jgħaraf li l-Verġni Imbierka kienet "il-patruna tal-familji nsara ta' Malta u Għawdex" anzi huwa jistqarr li dan il-patroċinju kien wieħed speċjali. Ir-raġuni ta' dan huwa l-fatt li l-familji ta' pajjiżna għarfu jwettqu l-vokazzjoni tal-ħajja miżżewġa fid-dawl tar-rieda t'Alla. Il-fatt li l-familji ta' pajjiżna



jitgħallmu jkunu individwi responsabbli u membri ta' komunita` iktar wiesgħa; (b) fejn l-ewwel darba jiltaqgħu mal-virtu` tal-imħabba ġeneruża u tas-sagrifiċċju tagħhom infushom; u (c) fejn għall-ewwel darba l-ulied jaslu biex jifhmu il-misteru ta' l-imħabba ta' Alla kif espress fl-imħabba tal-ġenituri. Frażi qawwija li kien tenna l-Papa fil-misraħ quddiem is-Santwarju ta' Pinu kienet propju li *"Is-saħħa spiritwali tal-familja hija dejjem il-kejl fundamentali tal-qawwa tas-soċjeta`."* Ma nistgħux ma ngħarfux, b'għafsa ta' qalb, li s-soċjeta` Maltija ta' żmienna hija marida u tilfet ħafna mill-qawwa tagħna fit-tessut soċjali li kellha qabel u allura żgur li nintebħu li l-familji tagħna m'għadhomx hekk f'saħħithom spiritwalment. Il-mediċina li l-Papa jissuġerixxi hija propju li jafdaw fil-ħarsien u l-kura tal-Omm Verġni Marija.

*"Jalla l-familji ta' Malta u Għawdex, ma jieqfu qatt milli jduru lejn Marija, Omm tal-familja Mqaddsa ta' Nażaret u Omm ta' l-umanita` kollha skond il-grazzja (ara Lumen Gentium, 62) bħala gwida ċerta qalb l-isfidi u l-provi tal-ħajja!"* Il-Papa jkompli juri l-fiduċja tiegħu li l-Verġni Mbierka hija dik li tista tassew tmexxi l-familja Maltin u Għawdxin qalb l-isfidi u l-provi tal-ħajja u għalhekk huma m'għandhom qatt jieqfu milli jfittxu l-ħarsien tagħha. Hawn forsi ta' min jistaqsi għaliex f'dawn l-aħħar għoxrin sena kellna numru mhux ħażin ta' familji li ma għarfux isibu t-triq tal-verita` u tal-ħelsien veru qalb l-isfidi u l-provi tal-ħajja li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom, u għalhekk spiċċaw imġarfin u mfarkin? Lejn minn tefgħu ħarsithom għall-għajnuna? Daru lejn l-Omm tagħhom Marija biex jgħidulha u juruha li ma kienx fadlilhom inbid?

Il-Papa f'mument tal-omelija jdur fuq il-familji Maltin u Għawdxin u jistaqsihom *"Kemm il-darba, fil-familji tagħkom, ħassejtukom bla saħħa quddiem sitwazzjonijiet kritiċi u apparentament mingħajr ebda soluzzjoni*? Konvint li m'hemm ebda familji li m'għaddietx minn sitwazzjoni kritiċi, ta' kriżi, sitwazzjonijiet fejn il-familja tħossha qisha magħluqa f'kaxxa mingħajr ebda sbokk. Il-Papa josserva li huwa propju f'dawn

baqgħu msieħbin ma' dak li ried Alla minnhom juri li tassew Marija kienet il-patruna li ħarsithom u tagħthom l-għajnuna meħtieġa, Marija kienet is-sieħba li segwiet mill-qrib id-destin tal-familji tagħna u għalhekk baqgħu hekk f'saħħithom u urew matul iż-żminijiet li kienu tassew familji nsara.

*"Anki llum il-familji ta' Malta għandhom jafdaw fil-protezzjoni u l-kura materna ta' Marija, għaliex jinsabu quddiem sfidi ġodda fit-twettieq tal-missjoni vitali tagħhom lejn l-individwi u lejn is-soċjeta` kollha kemm hi."* Il-Papa għoxrin sena ilu kien assigura lill-familji Maltin u Għawdxin mill-protezzjoni u l-ħarsien ta' Marija quddiem l-isfidi ġodda li kellhom iħabbtu ruħhom magħhom. Illum nistgħu naraw kemm kienu profetiċi dawn il-kelmiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II għaliex fejn il-familji tagħna naqsu li jafdaw f'Marija, u poġġew tamiethom f'affarijiet oħra, huma ġew megħluba jew milquta ħażin minn dawn l-isfidi ġodda. Il-Papa fl-omelija jkompli jispeċifika f'hiex tikkonsisti din il-missjoni vitali u importanti tal-familja. Il-familja għandha tkun il-post: (a) fejn l-ulied

il-mumenti li aħna għandna npoġġu l-fiduċja tagħna fl-interċessjoni kollha mħabba ta' Marija, b'fiduċja li anke l-iktar sitwazzjoni umana ta' disperazzjoni tista' tkun mibdula bil-qawwa salvifika ta' Kristu, Hu li bit-tweġiba għat-talba tal-Verġni Mbierka biddel l-ilma f'inbid, u miet fuq is-salib biex ngħixu għal dejjem. Il-Papa jislet riflessjoni mill-preżenza ta' Marija fit-tieġ ta' Kana u jgħallimna li kif għat-talba ta' Ommu Marija, Kristu biddel l-ilma f'inbid biex jgħin l-familja ġdida ta' Kana hekk ukoll l-interċessi tal-Verġni Mbierka quddiem binha Ġesu` tista twassal biex dawk is-sitwazzjoni li jidhru mingħajr ebda soluzzjoni Ġesu` jibdilhom f'okkażjoni ta' grazzja u ta' maturita` spiritwali u umana.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II jkompli juri din ir-rabta ta' Marija mal-familja meta jistqarr li "*il-kollaborazzjoni ta' Marija fil-misteru tal-pjan ta' Alla, bħalma deher fl-Inkarnazzjoni ta' l-Iben tiegħu, tistieden il-ġenituri kollha u l-ulied insara biex jikkunsidraw is-sejħa propja tagħhom li jkunu kollaboraturi tal-misteru tal-grazzja ta' Alla li jaħdem fil-familji tagħhom.*"

F'egħluq l-omelija tiegħu l-Papa jistieden lill-familji Malti u Għawdxin biex jitolbu flimkien miegħu billi jsejħu l-interċessjoni tal-Verġni Mbierka, Omm tar-rikonċiljazzjoni u Sultana tal-Paċi, "*sabiex il-familji ta' Malta jkunu l-qalba li fiha is-soċjeta` tagħkom tista' ssawwar impenn imġedded għall-valuri tal-Vanġelu li huma l-wirt l-iktar prezzjuż tal-imgħoddi.*" Huwa jkompli billi jirrikmanda l-familji Maltin u Għawdxin għall-ħarsien matern u għat-talb ta' Marija "*Ħalli Dik li 'żammet f'qalbha'(Lq 2,51) il-misteru tal-imħabba ta' Alla li deher fil-ħajja ta' Binha, tmexxi l-ġenituri u l-ulied biex iwieġbu b'mod sħiħ għal vokazzjoni li huma rċivew bħala ulied Alla, mifdija minn Kristu u mwielda mill-ġdid fl-ispirtu s-Santu (Gw 3,5).*"

Il-Papa jagħlaq it-talba tiegħu billi jitlob lil Marija biex tmexxi lir-rgħajja tal-Knisja fil-katekeżi u fil-ministeru lejn iż-żgħażagħ u lejn dawk kollha li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ u jkompli billi jitlobha ħalli dawk kollha li b'xi mod huma responsabbli tal-ġid komuni (pubbliku), "*jkunu jistgħu jirrispettaw u jappoġġjaw il-ħajja tal-familja b'liġijiet għaqlin u prudenti, u jirrifjutaw bħala ħaġa perikoluża għall-ġid tas-soċjeta` dak kollu li jista' jinjora jew jirrifjuta l-pjan ta' Alla għal familja u jnaqqas ir-rispett għad-don tal-ħajja umana.*"





Kif wieħed jista' jara l-omelija li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel fil-misraħ quddiem is-Santwarju ta' Pinu kienet minsuġa propju madwar ir-rabta profonda li teżisti bejn Marija u l-familja. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dan id-diskors sar quddiem ix-xbieha tal-Verġni Imbierka l-Madonna ta' Pinu u għalhekk kull darba li kien qiegħed jirreferi għal Marija u għas-sitwazzjoni partikolari tal-familji Maltin u Għawdxin żgur li kellu f'moħħu l-Madonna ta' Pinu f'rabta mal-familji Maltin u Għawdxin u l-ħarsien u l-protezzjoni li hija tat u għada tagħti lil familji. Huwa veru li l-Papa Ġwanni Pawlu II qatt ma sejjaħ lil Madonna ta' Pinu bit-titlu ta' "Sultana tal-familja" pero` l-omelija tiegħu hija dokument ħaj li juri li l-Madonna ta' Pinu kienet fl-imgħoddi s-Sultana tal-familji ta' Malta u Għawdex u jekk il-familji tagħna jridu jirbħu l-isfidi li għandhom quddiemhom għandhom jibqgħu jżommu lill-Verġni Mbierka l-Madonna ta' Pinu bħala s-Sultana tagħhom.

Tajjeb li wieħed jgħid li t-titlu ta' "Sultana" ma jiħux il-post ta' dak ta' "Omm". Ir-regalita` tagħha tibqa' bħala korollarju tal-missjoni pekuljari tagħha ta' Omm, u jesprimi sempliċement il-poter li ġie mogħti lilha biex twettaq din il-missjoni. Aħna l-insara għandna nħarsu b'fiduċja lejn "is-Sultana tal-Familja" għaliex dan mhux biss ma jnaqqas xejn mid-dinjita` tal-familja anzi jkompli jkabbar l-fiduċja ta' ulied f'Dik li hija Omm fl-ordni tal-grazzja.

Kienet inizjattiva ta' min ifaħħarha li għall-ewwel darba fl-Erbgħat, bit-tħejjija għal festa ta' Tlugħ fis-Sema ta' Marija, Monsinjur Isqof Mario Grech qiegħed jitlob it-talba għażiża tar-rużarju, flimkien ma' dawk l-insara kollha li għandhom għal qalbhom il-ġid tal-familja tagħhom u tal-familji kollha ta' pajjiżna, għal ġid tal-familji Maltin u Għawdxin. Din hija inizjattiva pastorali li għandha tkompli tgħin biex tassew il-Madonna ta' Pinu tkun tabilħaqq "Sultana tal-familja".

Madonna ta' Pinu, Sultana tal-Familja, itlob u ħares lill-familji kollha tagħna; għin lir-rgħajja spiritwali tagħna li f'idejhom afdajt il-komunita` nisranija ta' pajjiżna biex ikomplu jwasslulna il-vanġelu tal-ħajja u tal-Familja u lill-awtoritajiet ċivili dawwalhom biex ma jagħmlu xejn li jkun ta' theddida u ta' ħsara għal familja kif iridha Kristu. Madonna ta' Pinu Sultana tal-familja tħalli ebda saltna oħra ssaltan fuq il-familji. Ieqaf ma' dawk il-familji li għal xi raġuni jew oħra qed jinjoraw lilek u lil Ibnek Ġesu`.



# *Jitlob il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu fuq il-poplu Malti*



## *Messaġġ bi tħejjija għaż-Żjara tal-Papa f'Malta*

**Kardinal Tarcisio Bertone**

Dear Brothers and Sisters,

The Holy Father is greatly looking forward to his Apostolic Visit to the Maltese Islands, due to take place from 17 to 18 April, 2010. He greets all of you in the joy of the Risen Lord and he invokes upon you the abundant blessings that flow from Christ's conquest of sin and death and his triumphant entry into life.

In the days of preparation that remain, His Holiness asks you to pray that his Visit will be a time of spiritual renewal for the whole Church in Malta and Gozo. Just as Peter was invited by the Lord to confirm his brethren in their faith (cf. Lk 22:32), so now the Successor of Peter comes among you to strengthen you in your commitment to follow Jesus Christ. Malta has remained staunchly faithful to Christ over many centuries, and has done much to defend the faith, both at home and abroad. You may be proud of your Christian heritage, proud of the witness of many generations of Maltese Catholics who have lived out their faith with exemplary devotion, and proud of the apostolic fervour with which countless men and women from your islands have engaged in missionary activity, bringing the good news of Jesus Christ to distant shores.

The Holy Father knows how much you are attached to your great heritage, and he invites you to deepen this attachment as a living reality and as a truth that is always relevant, notwithstanding the fact that, in today's society, this carries the risk of being opposed, ignored or forgotten. Malta speaks with assurance of the need to defend the sanctity of marriage, the centrality of the family for a healthy society, and the need to protect the dignity of human life from conception to natural death. Malta knows how to care for the weaker and more vulnerable members of society, including the unborn, not least of all because she places such value on family life, which is the "first and indispensible teacher of peace" and of the virtues needed to maintain it (Message for the 2008 World Day of Peace, 3). The family also teaches us how to live in solidarity in every area of social and civil life. These are the great truths to which Malta can testify with authority and conviction.

At a time when the Maltese people celebrate with particular joy the 1950$^{th}$ anniversary of Saint Paul's arrival on their shores, the Holy Father commends all of you to the intercession of that great apostle and missionary, who tirelessly proclaimed the good news of the crucified and risen

Lord to the people of the Mediterranean. And in this year when the universal Church is celebrating a Year for Priests, he urges you in particular to value the great gift of the priesthood

and to support and pray for your priests, so that they may grow in gratitude to God and in fidelity and enthusiasm for the ministry. He commends them and he commends all of you to the intercession of an outstanding Maltese priest, Saint or! Preca, to whom, in a special way, he entrusts his forthcoming Visit. And finally, **he asks the Blessed Virgin Mary, Mother of the Church, venerated with particular devotion at your National Shrine of Ta' Pinu, to look down in love upon all the people of Malta and Gozo and to intercede for them with the One she was privileged to bear in her womb, the Saviour of the World.**

With these sentiments, His Holiness cordially imparts his Apostolic Blessing to all the people of Malta and Gozo, as a pledge of joy and peace in the Risen Lord. Il-Mulej ibierek lill-poplu kollu ta' Malta u ta' Għawdex!

Cardinal Tarcisio Bertone
Secretary of State
*From the Vatican, 31 March 2010*

## NOTA LI NQRAT MA' L-ITTRA PASTORALI TAL-ISQFIJIET FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX FL-OKKAŻJONI TA' L-EWWEL ŻJARA F'MALTA TAL-Q.T. IL-PAPA BENEDITTU XVI

**(Is-Sibt u l-Ħadd, 10 u 11 ta' April 2010)**

Waqt il-quddiesa li ser iqaddes fuq il-Fosos tal-Furjana, il-Papa Benedittu XVI ser joffri warda tad-deheb lill-Madonna Ta' Pinu. Fl-antik il-Papiet kienu joffru din il-warda tad-deheb lil Irġejjen Kattoliċi u lil Santwarji Marjani kbar. Għalhekk wieħed japprezza dan ir-rigal li l-Papa ser jagħmel lill-Madonna Ta' Pinu li hija l-għożża tal-poplu Għawdxi u Malti. Għal din l-okkażjoni, nhar il-Ħadd li ġej, 18 ta' April 2010, il-Kwadru devot tal-Madonna Ta' Pinu ser jittieħed Malta għall-venerazzjoni tal-Q.T. il-Papa; imbagħad il-Kwadru jiġi lura l-Ġimgħa ta' wara, 23 ta' April, meta ser isir pellegrinaġġ nazzjonali mmexxi mill-isqfijiet u min-Nunzju Apostoliku biex hekk iż-Żjara Apostolika tal-Papa Benedittu XVI tintemm b'quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju Ta' Pinu. Inħeġġu lill-Għawdxin biex f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet jakkumpanjaw il-Madonna Ta' Pinu.

+*Mario Grech*
Isqof ta' Għawdex



# *"Jeħtieġ li naslu fi gżira"* (Atti 27,26)



## *L-Ittra Pastorali tal-Isqfijiet*

**Pawlu Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta**
**Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Għeżież uliedna,

Bħalma aħna dejjem emminna li n-nawfraġju u l-miġja tal-Appostlu Missierna San Pawl fostna ma seħħewx b'kumbinazzjoni, hekk illum inħossu li żjara pastorali fostna tal-Papa Benedittu XVI tistax tkun providenzjali għal pajjiżna.

Lill-Maltin u lill-Għawdxin ta' elfejn sena ilu Pawlu, permezz tal-predikazzjoni tiegħu u tal-waqfa tiegħu fil-gżejjer tagħna, laqqagħhom ma' Ġesu` Kristu u permezz tal-Evanġelju nissel it-tama nisranija fi qlubhom. Quddiem din iż-żjara tal-Papa fostna, u biex din il-ġrajja ma tkunx ċerimonjali biss, ikun tajjeb nieqfu u nistaqsu. Fejn qegħdin bħalissa fil-fidi tagħna u fiex qed jissarraf l-Evanġelju li rċevejna tant żmien ilu u li tul l-istorja sawwar l-identita` u t-tradizzjonijiet tagħna? Aħna m'għandniex dubju li jekk nifthu qalbna għal din l-okkażjoni, jistax jkun għalina mument ta' grazzja li jwettaqna u jsaħħaħna fil-fidi.

## L-Għażliet li għandna quddiemna

Bħala isqfijiet ta' dawn il-gżejjer, dan l-aħħar sikwit tlabniekom tieqfu ftit u tixtarru sewwa l-għażliet li bħala Knisja u bħala soċjeta` għandna quddiemna llum. Pietru lill-ewlenin insara kien talab minnhom li "jkunu dejjem lesti li jagħtu tweġiba lil min jistaqsihom ir-raġuni tat-tama li għandhom" (1 Pietru 3, 15). M'hemmx dubju li s-suċċessur ta' Pietru biż-żjara tiegħu ser jitlobna xi ħaġa simili, iktar u iktar illum meta qegħdin f'dinja li sikwit titlobna nagħtu raġuni għat-twemmin tagħna.

Aħna konvinti li l-Papa, mhux biss bil-kelma li ser jaqsam magħna, imma wkoll bl-ispiritwalita` tiegħu, jistax jqajjem ħafna mistoqsijiet fina u fostna dwar Kristu u l-messaġġ tiegħu. Aħna nħeġġu lil kulħadd, kemm lil dawk li qed jagħmlu mixja ta' fidi, kemm lil dawk li huma mgħattna taħt it-toqol tad-dubji tal-fidi, biex jagħtu widen għall-messaġġ tal-Papa u ma jibżgħux iħalluh jisfidahom biex ikomplu jfittxu u jagħmlu domandi dwar il-messaġġ ta' Kristu.

## Knisja Pawlina

Pawlu qiegħed il-pedament tal-Knisja ta' Kristu fil-qalba tal-kultura ta' ġensna. Missirijietna komplew bnew fuq dak il-pedament. L-istorja millenarja tal-poplu tagħna tixhed li din il-Knisja Pawlina tat servizzi kbar b'risq is-soċjeta` Maltija. Ħadd ma jista' jiċħad li bl-Evanġelju li xandret, il-Knisja għaniet il-kultura tagħna. Illum, meta nħossuna f'salib it-toroq f'tant aspetti tal-ħajja u tal-fidi tagħna, aħna lkoll imsejħin biex il-Knisja ta' Kristu fostna nagħtuha dehra żagħżugħa u mġedda biex tkun tassew





il-Knisja li jrid il-Mulej Ġesu`: Knisja li tixbah lill-ewwel komunita` nisranija, Knisja mibnija qabel xejn fuq il-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija, partikularment l-Ewkaristija tal-Ħadd. Aħna ma rridux Knisja mbeżżgħa, bil-bibien magħluqa. Ma rridux l-anqas Knisja li, kif forsi jaħsbu xi wħud, trid timponi fuq l-oħrajn u fuq is-soċjeta`. A'ħna rridu Knisja li l-qawwa tagħha ġġibha mill-Kelma ta' Ġesu` u mix-xhieda ta' dawk li huma tassew konvinti. Irridu Knisja li ma tibżax tiddjaloga mad-dinja u mal-bniedem, hu x'inhu t-twemmin tiegħu jew tagħha.

## Mument ta' Grazzja

Intennu li dan hu mument ta' grazzja għalina lkoll għaliex, kif iż-żjara ta' Pawlu fostna tat ruħ lill-qafas soċjali ta' dak iż-żmien, hekk issa nħossu li din il-waqfa qasira tal-Papa Benedittu fostna tista' tgħinna niffukaw mill-ġdid fuq il-qalba ta' dak li dejjem ħaddanna bħala l-fidi tagħna u li llum m'hemmx dubju li jeħtieġ imbuttatura ġdida. Bil-personalita` u bil-profondita` tiegħu, kif ukoll bl-għarfien profetiku ta' żminijietna mfisser hekk tajjeb fl-Enikliċi li hu tana s'issa, il-Papa fostna jista' jgħinna nifthu għajnejna dwar il-qagħda tagħna llum. Nistennew li l-Papa jurina wkoll id-direzzjoni li jeħtieġ nieħdu biex pajjiżna jkompli jħaddan viżjoni għall-futur li ma tqarraqx, imma li tibqa' tħares lejn il-fidi nisranija bħala teżor li jgħolli u mhux ibaxxi d-dinjita` tal-bniedem u tan-nazzjon tagħna.

Quddiem it-traġedja tan-nawfraġju, il-Maltin laqgħu lil San Pawl, qasmu miegħu fit-tiġrib, u ħabbewh. Fil-baħar imqalleb li għaddejja minnu l-Knisja, u b'mod speċjali l-Papa - fejn hemm min qed jipprova jsikket il-leħen profetiku tiegħu - inħossu li aħna, bħal missirijietna, imsejħin biex nuru mħabbitna u r-rabta tagħna mal-Papa.

Fid-dawl ta' dan kollu, nistiednu lill-poplu Malti u Għawdxi biex fi tmiem il-ġimgħa li ġejja, nagħtu merħba lil min ġej iżurna f'isem il-Mulej! Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem fil-laqgħat li huma mħejjija matul il-jumejn li l-Papa ser ikun fostna.

Billi din iż-żjara hija mument ta' grazzja, nafdawha f'idejn Ommna Marija u l-Appostlu Missierna San Pawl.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna,

B'rahan ta' kull ġid mis-sema.

**PAWLU CREMONA O.P.**
**Arċisqof ta' Malta**

**MARIO GRECH**
**Isqof ta' Għawdex**

# *Jibda l-vjaġġ mis-Santwarju...*

1. Xogħol fuq il-bradella li fiha tqiegħed il-kwadru, maħdum u rregalat lis-Santwarju minn Anthony Galea u Paul Piscopo.

2-5. Il-kwadru jitqiegħed fuq il-bradella u jinħareġ għal fuq it-trakk, provdut mingħajr ħlas mill-Gozo Express Services, biex jittieħed Malta. (*Il-Ħadd, 18 ta' April 2010 fit-3.30 a.m.*)

6. Il-Kwadru, eskortat mill-Pulizija jasal fuq il-Fosos tal-Furjana għall-ħabta tas-6.30 a.m.


1


2


3


4


5



6

# “Nafdakom ilkoll fil-ħarsien tal-Madonna Ta’ Pinu”




## Wasla fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta - 17 ta’ April 2010

**Diskors tal-Papa Benedittu XVI**

Sur President,
Għeżież Ħuti fl-Episkopat,
Awtoritajiet Distinti,
Sinjuri,

Hu pjaċir kbir għalija li nkun hawn Malta magħkom illum. Jien ġejt fostkom bħala pellegrin biex inqim lill-Mulej u nfaħħru għall-għeġubijiet li għamel hawnhekk. Ġejt ukoll bħala s-Suċċesur ta’ San Pietru biex nikkonfermakom fil-fidi (ara Lq 22:32) u biex ningħaqad magħkom fit-talb lil Alla waħdani ħaj u veru, fil-kumpanija tal-Qaddisin kollha, inkluż l-Appostlu kbir ta’ Malta, San Pawl. Għalkemm iż-żjara tiegħi f’pajjiżkom hi qasira, nitlob li tħalli ħafna frott.

Jien grat, Sur President, għall-kliem ġentili li bih tajtni merħba f’ismek u f’isem il-poplu Malti. Nirringrazzjak tal-istedina tiegħek u għall-ħidma iebsa li int u l-Gvern għamiltu biex tħejju għaż-żjara tiegħi. Nirringrazzja lill-Prim Ministru, lill-awtoritajiet ċivili u militari, lill-membri tal-Korp Diplomatiku u lil kull min hu preżenti, li qed tonoraw din l-okkażjoni bil-preżenza tagħkom u għall-merħba kordjali tagħkom.

B’manjiera speċjali kien nagħti merħba lill-Arċisqof Pawlu Cremona, lill-Isqof Mario Grech u lill-Isqof Awżiljarju Annetto Depasquale, u wkoll lill-Isqfijiet l-oħra preżenti. Meta qed nagħtikom merħba, jien nixtieq nesprimi l-għożża tiegħi għas-saċerdoti, djakni, reliġjużi rġiel u nisa, u għall-fidili lajċi kollha fdati fil-kura pastorali tagħkom.

L-okkażjoni taż-żjara tiegħi f’dawn il-gżejjer hija l-elf disa’ mija u ħamsin anniversarju tan-nawfraġju ta’ San Pawl fuq xtut Malta. San Luqa jiddeskrivi din il-ġrajja fl-Atti tal Appostli, u hu minn dan ir rakkont li intom għażiltu t-tema ta’ din iż-żjara: “Jeħtieġ iżda li naslu fi gżira” (Atti 27:26). Uħud jistgħu jqisu l-miġja ta’ San Pawl f’Malta permezz ta’ ġrajja mhux mistennija bħala sempliċi inċident fl-istorja. Iżda l-għajnejn tal-fidi jippermettulna nagħrfu f’dan il-ħidma tal-Provvidenza divina.

Malta, fil-fatt, kienet f’salib it-toroq ta’ ħafna mill-ġrajjiet u skambji kulturali kbar fl-istorja tal-Ewropa u tal-Mediterran sa l-istess żminijietna. Dawn il-gżejjer kellhom funzjoni importanti fl-iżvilupp politiku, reliġjuż u kulturali tal-Ewropa, tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta’ Fuq. F’dawn il-gżejjer, mela, fid-disinji misterjużi ta’ Alla, l-evanġelju twassal minn San Pawl u mis-segwaċi bikrin ta’ Kristu. Il-ħidma missjunarja tagħhom tat frott kbir tul is-sekli u kkontribwixxiet b’għadd bla qies ta’ modi għat-tiswir tal-kultura għanja u nobbli ta’ Malta.



Bis-saħħa tal-qagħda ġeografika tagħhom, dawn il-gżejjer kienu ta' importanza strateġika kbira f'aktar minn okkażjoni waħda, saħansitra fi żminijiet reċenti: fis-sewwa, il-George Cross fuq il-bandiera nazzjonali tagħkom jixhed bi kburija għall-kuraġġ kbir tal-poplu tagħkom waqt il-ġranet mudlama tal-aħħar gwerra dinjija. Daqstant ieħor, il-fortifikazzjonijiet li jikkaratterizzaw b'mod daqshekk prominenti l-arkitettura tal-gżira jitkellmu dwar ġlidiet imgħoddija meta Malta kkontribwixxiet tant kemm bl-art u kemm bil-baħar għad-difiża tal-Kristjaneżmu. Intom għadkom taqdu funzjoni siewja fid-dibattiti dejjem għaddejjin fuq l-identita`, il-kultura u l-politika Ewropea. Fl-istess waqt, jien nieħu pjaċir ninnota l-impenn tal-Gvern tagħkom favur proġetti umanitarji fuq medda wiesgħa, l-aktar fl-Afrika. Hu ttamat ħafna li dan iservi biex jippromwovi l-benessri ta' dawk l-anqas iffortunati minnkom, bħala espressjoni ta' karita` Kristjana ġenwina.

Fis-sewwa, Malta għandha ħafna x'tikkontribwixxi għal mistoqsijiet tant diversi fuq tolleranza, reċiproċita`, immigrazzjoni, u kwistjonijiet oħrajn li huma kruċjali għall-futur ta' dan il-kontinent. In-nazzjon tagħkom għandha tibqa' tappoġġja l-indissolubilita` taż-żwieġ bħala istituzzjoni kemm naturali u kemm sagramentali, u n-natura vera tal-familja, bl-istess mod li tappoġġja l-qdusija tal-ħajja umana mill-konċepiment sal-mewt naturali, u r-rispett xieraq dovut lill-liberta` reliġjuża b'modi li jwasslu lill-individwi u lis-soċjeta` għal żvilupp integrali awtentiku.

Malta għandha wkoll rabtiet mill-qrib mal-Lvant Nofsani, mhux biss f'termini kulturali u reliġjużi iżda saħansitra lingwistiċi. Ippermettuli nħeġġiġkom biex din it-tagħqida ta' ħiliet u qawwiet tużawha dejjem aktar biex isservi ta' pont bejn il-popli, kulturi u reliġjonijiet li jdawru l-Mediterran. Għad hemm ħafna xi jsir biex jinbnew relazzjonijiet ta' fiduċja ġenwina u djalogu li jagħti frott, u Malta qiegħda f'pożizzjoni tajba li testendi l-id tal-ħbiberija lill-ġirien tagħha tat-tramuntana u n-nofsinhar, tal-lvant u tal-punent.



Il-nies ta' Malta, imdawlin għal kważi żewġ millennji mit-tagħlim tal-Evanġelju u msaħħin il-ħin kollu mill-għeruq insara tagħhom, huma ġustament kburin bil-funzjoni indispensabbli li l-fidi Nisranija kellha fl-iżvilupp tan-nazzjon tagħhom. Is-sbuħija tal-fidi tagħna hija espressa b'modi diversi u komplimentari hawnhekk, u mhux l-anqas fil-ħajjiet ta' qdusija li wasslu lill- Maltin biex jagħtu lilhom infushom għall-ġid tal-oħrajn. Fost dawn irridu ninkludu lil Dun Ġorġ Preca li jien kelli l-pjaċir nikkanonizza kważi tliet snin ilu (3 ta' Ġunju, 2007). Nistedinkom ilkoll biex issejħu l-interċessjoni tiegħu biex din l-ewwel żjara pastorali tiegħi fostkom tħalli frott spiritwali.

Jien nistenna b'ħerqa li nitlob magħkom kemm indum Malta u nixtieq niżgurakom, bħala missier u bħala ħukom, mill-imħabba tiegħi lejkom u mill-ħerqa tiegħi li naqsam magħkom dan iż-żmien f'ambjent ta' fidi u ħbiberija. **B'dawn il-ħsibijiet jiena nafdakom ilkoll fil-ħarsien tal-Madonna ta' Pinu u ta' missierkom fil-fidi, l-Appostlu l-kbir San Pawl.**

Il-Mulej ibierek lill-poplu kollu ta' Malta u ta' Għawdex!

# "L-imħabba tiegħi magħkom ilkoll..."



## Konċelebrazzjoni fuq il-Fosos tal-Furjana - 18 ta' April 2010

### Omelija tal-Papa Benedittu XVI

Għeżież Ħuti fi Kristu Ġesu`,
Maħbubin uliedi,
Jien ferħan ħafna li qiegħed hawn magħkom ilkoll illum quddiem il-knisja sabiħa ta' San Publju biex niċċelebra l-misteru kbir tal-imħabba ta' Alla muri fl-Ewkaristija Mqaddsa. F'dan iż-żmien, il-ferħ tal-istaġun tal-Għid jimla lil qlubna għaliex qed niċċelebraw ir-rebħa ta' Kristu, ir-rebħa tal-ħajja fuq id-dnub u fuq il-mewt. Huwa ferħ li jittrasforma ħajjietna u jimliena bit-tama fit-twettiq tal-wegħdiet ta' Alla. Kristu qam, alleluja!

Jien nagħti merħba lill-President tar-Repubblika u lis-Sinjura Abela, lill-awtoritajiet ċivili ta' dan in-Nazzjon għażiż, u lill-poplu kollu ta' Malta u Għawdex. Nirringrazzja lill-Arċisqof Cremona għall-kliem ġentili tiegħu, u nagħti merħba wkoll



lill-Isqof Grech u lill-Isqof Depasquale, lill-Arċisqof Mercieca, lill-Isqof Cauchi u lill-isqfijiet l-oħra u s-saċerdoti preżenti, u wkoll lill-fidili Nsara kollha tal-Knisja f'Malta u Għawdex. Sa mill-wasla tiegħi lbieraħ filgħaxija kelli l-esperjenza tal-istess merħba mill-qalb li l-antenati tagħkom taw lill Appostlu Pawlu fis-sena sittin.

Ħafna vjaġġaturi żbarkaw hawn fil-kors tal-istorja tagħkom. L-għana u l-varjeta` tal-kultura Maltija huma sinjal li l-poplu tagħkom gawda bil-kbir mill-iskambju ta' rigali u ospitalita` ma' viżitaturi baħħara. U dan hu sinjal li intom kontu tafu kif tiddixxernu meta ġejtu biex tieħdu l-aħjar ta' dak li kellhom x'joffrulkom.

Jien inħeġġiġkom li tibqgħu tagħmlu hekk. Mhux kulma tipproponi d-dinja tal-lum jistħoqqlu jkun aċċettat mill-poplu ta' Malta. Ħafna ilħna jippruvaw jipperswaduna li nwarrbu l-fidi tagħna f'Alla u fil-Knisja tiegħu, u li nagħżlu għalina nfusna l-valuri u t-twemmin li bihom ngħixu. Huma jgħidulna li m'għandniex bżonn ta' Alla jew tal-Knisja. Jekk inkunu ttentati nemmnuhom, għandna niftakru fl-inċident tal-Evanġelju tal-lum meta d-dixxipli, kollha kemm huma sajjieda ta' esperjenza, stinkaw il-lejl kollu iżda ma qabdux ħuta waħda. Imbagħad, meta deher Ġesu` fuq ix-xatt,

indikalhom biex jistadu għal qabda tant kbira li bilkemm setgħu jtellgħuha. Weħidhom, l-isforzi tagħhom ma swew għal xejn; meta Ġesu` kien ħdejhom, qabdu kwantita` enormi ta' ħut. Ħuti għeżież, jekk inqiegħdu l-fiduċja tagħna fil-Mulej u nsegwu t-tagħlim tiegħu, dejjem naħsdu frott kbir.

L-ewwel qari li kellna fil-Quddiesa tal-lum hu wieħed li naf li tħobbu tisimgħu, ir-rakkont tan-nawfraġju ta' Pawlu fuq ix-xtajta ta' Malta, u l-laqgħa mill-qalb li tah il-poplu ta' dawn il-gżejjer. Innutaw kif l-ekwipaġġ tal-bastiment, biex isalvaw, kellhom jitfgħu 'l baħar it-tagħbija, it-tagħmir tal-ġifen, u saħansitra l-qamħ li kien l-ikel waħdani tagħhom. Pawlu ħeġġiġhom biex iqiegħdu l-fiduċja tagħhom f'Alla biss, filwaqt li l-bastiment kien qed jitbandal mal-mewġ. Aħna wkoll irridu nqiegħdu l-fiduċja tagħna fih biss. Tiġina t-tentazzjoni li naħsbu li t-teknoloġija avvanzata tal-lum tista' tissodisfa l-ħtiġijiet kollha tagħna u tħarisna mill-perikli kollha li jhedduna. Iżda mhux hekk. F'kull mument ta' ħajjitna aħna niddependu għal kollox minn Alla li fih aħna ngħixu u niċċaqalqu u għandha l-esseri tagħna. Hu biss jista' jħarisna mid-deni, hu biss jista' jiggwidana tul il-maltemp tal-ħajja, hu biss li jwassalna f'port fiż-żgur, kif għamel fil-każ ta' Pawlu u sħabu mitluqin għal riħhom 'il barra mix-xtajta ta' Malta. Huma għamlu kif ħeġġiġhom Pawlu, u



kien għalhekk li "kulħadd qabad l-art qawwi u sħiħ" (Atti 27:44).

Aktar minn kull tagħbija li nistgħu nġorru magħna - f'termini ta' kisbiet umani, il-propjetajiet tagħna, it-teknoloġija tagħna - hija r-relazzjoni tagħna mal-Mulej li tagħtina ċ-ċavetta għall-kuntentizza tagħna u għat-twettiq uman tagħna. U hu jsejħilna għal relazzjoni ta' mħabba. Ara l-mistoqsija li għamel tliet darbiet lil Pietru fuq ix-xatt tal-għadira: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni?" Fuq il-bażi tat-tweġiba affermattiva ta' Pietru, Ġesu` jassenjalu biċċa xogħol - ix-xogħol li jitma' lill-merħla tiegħu. Hawn naraw il-bażi tal-ministeru pastorali kollu fil-Knisja. Hija l-imħabba għall-Mulej li għandha ssawwar kull aspett tal-predikazzjoni u t-tagħlim tagħna, iċ-ċelebrazzjoni li nagħmlu tas-sagramenti, u l-kura li nieħdu tal-poplu ta' Alla. Hija l-imħabba tagħna għall-Mulej li timbuttana biex



inħobbu lil dawk li hu jħobb, u li naċċettaw bil-ferħ ix-xogħol li nikkomunikaw l-imħabba tiegħu lil dawk li aħna naqdu.

Waqt il-Passjoni tal-Mulej tagħna, Pietru ċaħdu tliet darbiet. Issa, wara l-Qawmien, Ġesu` jistiednu tliet darbiet biex jistqarr l-imħabba tiegħu, u hekk joffrilu fejqan u maħfra u fl-istess ħin jafdalu l-missjoni tiegħu. Il-qabda mirakuluża tal-ħut tenfasizza d-dipendenza tal-appostli fuq Alla għas-suċċess tal-proġetti tagħhom tad-dinja. Id-djalogu bejn Pietru u Ġesu` jenfasizza l-ħtieġa tal-ħniena divina biex tfejjaq il-feriti spiritwali tagħhom, il-feriti tad-dnub.

F'kull qasam ta' ħajjietna aħna neħtieġu l-għajnuna tal-grazzja ta' Alla. Miegħu aħna nistgħu nagħmlu kollox: mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn.

Aħna nafu mill-Evanġelju ta' San Mark is-sinjali li jakkumpanjaw lil dawk li jqiegħdu l-fiduċja tagħhom f'Ġesu`: huma jaqbdu s-sriep b'idejhom u ma jiġrilhom xejn, huma jqiegħdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu (ara Mk 16:18). Dawn is-sinjali ntgħarfu mill-ewwel mill-antenati tagħkom meta Pawlu ġie fosthom. Lifgħa qabdet ma' idu, imma hu sempliċement farfarha fin-nar u ma ġratlu ebda ħsara. Hu ttieħed biex jara lil missier Publju, il-proto



tal-gżira, u wara li talab u qiegħed idejh fuqu Pawlu fejqu mid-deni li kellu. Fost ir-rigali kollha li ġew fuq dawn ix-xtut fil-kors tal-istorja tal-poplu tagħkom, ir-rigal miġjub minn Pawlu kien l-akbar fost kollha, u hu mertu tagħkom li kien aċċettat immedjatament u miżmum b'għożża. Għożżu l-fidi u l-valuri li takom l-Appostlu Missierkom San Pawl.

Komplu esploraw l-għana u l-fond tar-rigal ta' Pawlu lilkom u kunu żguri li tgħadduh mhux biss lil uliedkom iżda wkoll lil dawk kollha li tiltaqgħu magħhom illum. Ebda viżitatur f'Malta m'għandu jonqos li jkun impressjonat bid-devozzjoni tal-poplu tagħkom, il-fidi vibranti murija fiċ-ċelebrazzjonijiet nhar il-festi tagħkom, is-sbuħija tal-knejjes u s-santwarji tagħkom. Iżda dak ir-rigal jeħtieġ li jinqasam ma' oħrajn, jeħtieġ li jkun artikolat. Kif Mose` għallem lill-poplu ta' Iżrael kliem il-Mulej "ikunu fuq qalbek, u int tennihom lil uliedek, u





tkellem fuqhom meta tkun f'darek, u meta tkun miexi fit-triq, u meta timtedd u meta tqum" (Dewt 6:6-7). Dan inftiehem tajjeb mill-ewwel Qaddis kanonizzat ta' Malta, Dun Ġorġ Preca. Il-ħidma kateketika bla waqfien tiegħu, li ispirat żgħażagħ u kbar b'imħabba għad-duttrina Nisranija u devozzjoni profonda għall-Kelma ta' Alla Inkarnata, kienet ta' eżempju li nħeġġiġkom li żżommuh. Ftakru li l-iskambju tal-ġid bejn dawn il-gżejjer u l-bqija tad-dinja hu proċess li għandu żewġ toroq. Iżnu b'attenzjoni dak li tirċievu, u żguraw li taqsmu ma' oħrajn dak li għandkom li hu ta' valur.

Nixtieq nindirizza kelma partikolari lis-saċerdoti preżenti hawn, f'din is-sena dedikata għaċ-ċelebrazzjoni tad-don kbir tas-saċerdozju. Dun Ġorġ kien saċerdot ta' umilta`, tjubija, manswetudni u ġenerożita` eċċezzjonali, mogħti b'mod profond għat-talb u b'passjoni biex jikkomunika l-veritajiet tal-Evanġelju. Ħalluh iservi ta' mudell għalikom



fl-isforz biex twettqu l-missjoni li rċevejtu biex titimgħu l-merħla tal-Mulej. Ftakru wkoll il-mistoqsija li l-Mulej Imqajjem għamel tliet darbiet lil Pietru: "Inti tħobbni?" Dik hi l-mistoqsija li se jistaqsi lil kull wieħed minnkom. Intom tħobbuh? Intom tixtiequ taqduh permezz tad-don ta' ħajjietkom kollha. Tixxennqu twasslu lil oħrajn biex isiru jafuh u jħobbuh?

Ma' Pietru, ikollkom il-kuraġġ twiegħbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok," u aċċettaw bi qlub grati l-ħidma li assenjalkom. Il-missjoni fdata lis-saċerdoti hija tassew servizz lill-ferħ, lill-ferħ ta' Alla li jixxennaq li jidħol fid-dinja (ara Omelija, 24 April 2005).

Waqt li nħares madwari issa lejn il-folol kbar miġburin hawn il-Furjana għaċ-ċelebrazzjoni tagħna tal-Ewkaristija, tiġini f'moħħi x-xena deskritta fit-tieni qari tagħna tal-lum li fih għexur ta' eluf u eluf ta' eluf għaqqdu leħenhom f'għanja kbira ta' sebħ: "Lil Dak li qiegħed fuq it-tron u lill-Ħaruf, jingħata t-tifħir u l-ġieħ, u l-glorja u l-ħakma, għal dejjem ta' dejjem" (Apok 5:13).

Komplu għannu dik l-għanja b'ġieħ il-Mulej Imqajjem u b'radd il-ħajr għad-doni ta' bosta suriet tiegħu. Fi kliem San Pawl, Appostlu ta' Malta, jien nagħlaq kliemi lilkom f'din l-għodwa: "L-imħabba tiegħi magħkom ilkoll fi Kristu Ġesu`" (1 Kor 16:24).

Ikun imfaħħar Ġesu` Kristu!

# Ir-rigal tal-Papa lid-Djoċesi ta' Għawdex...



1

1. Il-Papa Benedettu XVI jippreżenta kalċi lill-Isqof ta' Għawdex bħala rigal lid-Djoċesi.

2. Ittra ta' Mons. Mario Grech lir-Rettur tas-Santwarju li turi x-xewqa ta' l-Isqof li dan il-kalċi jitqiegħed fil-mużew tas-Santwarju.



MARIO GRECH
ISQOF TA' GHAWDEX

**Dun Gerard Buhagiar**
**Rettur Santwarju Madonna Ta' Pinu**
**Ghawdex**

19 ta' Mejju 2010

Grazzi Fr Gerard

B'imhabba lejn il-Vergni Marija, b'sinjal ta' apprezzament ghas-sehem tas-Santwarju Ta' Pinu fil-viżjoni pastorali tad-djoċesi, u b'rikonoxxenza ghas-sentimenti sinċiera ta' komunjoni ekkleżjali li juri s-Santwarju, nislef ghal żmien indeterminat dan il-kalċi u l-patena li fit-18 ta' April li ghadda, waqt il-quddiesa li saret fuq il-Fosos tal-Furjana, il-Q.T il-Papa irregalali f'isem id-djoċesi.

Hi xewqa tieghi li dan ir-rigal ikun espost fil-mużew tas-Santwarju biex l-eluf ta' pellegrini li jżuruh ta' kull sena jkunu jistghu jgawduh.

Tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Isqof djoċesan li jirtira dan ir-rigal.

\+ Mario Grech
Isqof ta' Ghawdex

2

# Il-wasla tal-Madonna Ta' Pinu fuq il-fosos...



1

1. Il-Kwadru ftit wara li wasal fuq il-fosos waqt li kienet għadha nieżla x-xita, filgħodu kmieni.

2. Il-persuni li refgħu l-bradella bil-Kwadru, flimkien mar-Rettur tas-Santwarju.

3-6. Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu qed jinġarr proċessjonalment biex jitqiegħed fil-post imħejji apposta fil-ġenb ta' l-artal, fost iċ-ċapċip tan-nies preżenti fuq il-fosos.


3


2


4


5


6

# *Sejħulha Sultana tal-Familja*



**Diskors waqt ir-Regina Caeli, Fosos tal-Furjana - 18 ta' April 2010**

**Papa Beneditttu XVI**

Ħuti fi Kristu,
Meta intom tirringrazzjaw, meta jkollkom intenzjonijiet partikolari tat-talb, u meta titolbu l-protezzjoni tas-sema għall-maħbubin tagħkom, hija d-drawwa tagħkom li dduru lejn l-Imqadda Verġni Marija, Omm il-Knisja u Omm tagħna. Jien naf bid-devozzjoni partikolari tal-poplu Malti lejn Omm Alla, espressa b'fervur kbir lill-Madonna ta' Pinu, u għalhekk għandi pjaċir nieħu l-okkażjoni biex nitlob quddiem ix-xbieha tagħha miġjuba hawn apposta minn Għawdex għal din l-okkażjoni. Jien nieħu wkoll pjaċir nippreżenta Warda tad-Deheb lilha, bħala sinjal tal-imħabba filjali li naqsmu lejn Omm Alla.

Nitlobkom b'mod partikolari li titolbuha taħt it-titlu miżjud mal-Litanija ta' Loreto mill-maħbub predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, li f'aktar minn okkażjoni waħda żar dawn ix-xtut. Waqt li noffrilkom din it-tifkira tanġibbli taż-żjara tiegħi, jien nirringrazzjakom ilkoll għal dak kollu li rċevejt lura minn għandkom, u l-aktar għall-ħeġġa tad-devozzjoni tagħkom u l-appoġġ tat-talb tagħkom għall-ministeru tiegħi bħala Suċċessur ta' Pietru.

Issa nduru fit-talb lil Marija, Omm il-Knisja u Sultana tas-Sema, waqt li nifirħu fil-Qawmien ta' Dak li ġarret f'ġufha.

*Regina Cæli, lætare...*

Jien ferħan li nsellem lill-pellegrini tal-ilsien Taljan preżenti hawn illum f'din l-okkażjoni feliċi, u l-aktar lil dawk li ġew minn Lampedusa u Linosa! Grazzi li ġejtu biex taqsmu dan ma' ħutna Maltin. Jalla l-Appostlu Pawlu, li qed infakkru l-anniversarju tal-preżenza tiegħu f'dawn il-gżejjer, ikun għalikom eżempju ta' fidi soda u kuraġġuża quddiem l-avversità.

Fuqkom ilkoll u fuq il-familjari tagħkom li qegħdin id-dar, bil-qalb kollha nitlob il-Barka tal-Mulej għaż-żmien feliċi u qaddis tal-Għid.



# Il-Papa jpoġġi l-Warda tad-Deheb...

1. Il-Papa jersaq quddiem il-Kwadru biex ipoġġi l-Warda tad-Deheb f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu.

2-3. Il-Papa Benedittu XVI jitlob quddiem il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.

4. Mons. Mario Grech jrodd ħajr lill-Papa għal dan il-ġest sabiħ.

5-6. Il-proċessjoni bil-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu wara li ntemmet il-Quddiesa mill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI.


1


2


4


3


5


6

# Il-Warda tad-Deheb...



F.lli Savi s.n.c.
di Claudio e Piero Savi

Vicolo del Farinone, 14
00193 Roma
Tel/x +39 0668134706
P.I./C.F. 060900501005
e-mail: savi.roma@libero.it

Gioielleria
Oreficeria e Argenteria Sacra
Progettazione e realizzazione arredi Sacri
Restauri
Perizie
Stime Consulenze
Analisi Gemmologiche

Iscr. albo dei Periti
CCIAA trib. di Roma n. 1213

Roma 31-3-2010

ROSA

Abbiamo realizzato una rosa in argento 925°°° dorata.
L'opera ha una altezza di cm 50 e pesa grammi 234.
Pezzo unico realizzato per disposizione di Sua Santità Benedetto XVI
Eseguita a mano in Roma dai Maestri orafi Piero e Claudio Savi.

Roma F.lli Savi snc Vicolo del Farinone 14/15 0193 ... Gioielli dal 1937

1



1. Iċ-ċertifikat maħruġ mid-Ditta F.lli Savi s.n.c. ta' Ruma li għamlet din il-Warda fuq ordni tal-Papa Benedittu XVI. Kif jindika dan iċ-Ċertifikat, din il-Warda hija unika għax ġiet maħduma bl-idejn, fuq disinn apposta biex titqiegħed mal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.

2-5. Diversi stadji waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq il-Warda tad-Deheb.



3



2



4



5

# Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu fis-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt



## Ħsibijiet tar-Rettur tas-Santwarju tal-Karmnu

P. Martin D. Schembri O.Carm

Sitt ijiem qabel ma ġie l-Papa f'Malta ġejna avviċinati mir-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu dun Gerard Buhagiar fejn qalilna li l-Isqof ta' Għawdex xtaq li l-kwadru ta' Pinu jinġieb għal qima tal-poplu fis-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt. Din id-deċiżjoni ħadha għax jaf kemm dan is-Santwarju tal-Karmnu hu Ċentru Marjan qawwi. Il-Kwadru wasal il-Ħadd 18 ta' April fit-3.15p.m. u dam sal-Ħamis 21 ta' April. Matul dawk il-ġranet tqassmu mal-4000 Kurunella li kienu jikkonsistu fit-Talba ta' Pinu u dik tal-Karmnu. Funzjonijiet li saru, katina l-ħin kollu tar-Rużarju li kienu jmexxu l-patrijiet tal-Karmnu tal-Belt anke wara nofs inhar, ir-Rużarju qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija kien meditat u bil-Litanija Kantata. Il-Quddiesa ta' filgħaxija kienet kantata kuljum bil-ħsieb (Omelija) minn P. Martin D. Schembri. Wara il-Quddiesa l-patrijiet kienu joqogħdu man-nies biex jieħdu minn għand in-nies l-oġġetti li riedu jintmissu mal-Kwadru Inkurunat ta' Pinu. Il-Quddiesa tal-Erbgħa kienet immexxija mill-Isqof ta' Għawdex Mons Mario Grech. Prim Konċelebrant kien il-Provinċjal P. Michael Farrugia, il-Patrijiet tal-Komunita`, Kan John Ciarlo` u 3 patrijiet Franġiskani Konventwali (ġew mistiedna l-komunitajiet kollha tal-Belt iżda dawn biss ġew). Ċeremonier għamel P. Victor Paul Farrugia Ciarlo. Is-Santwarju bħal kuljum kien miftuħ mis-6.00a.m. sas-7.30p.m., id-differenza kienet li wara nofs inhar kien hemm bosta qrar ta' ħafna snin ilu. Il-Ħamis filgħodu sar il-Pellegrinaġġ fid-9.00a.m.



Għal dan il-Pellegrinaġġ ġiet imħeġġa l-Provinċja biex tattendi b'ċirkulari mill-Provinċjal, barra l-Provinċjal attendew il-Pirjol tal-Balluta P. Anthony Cilia, il-Komunita` tal-Imdina, il-Pirjol P. Alexander Vella u P. Victor Paul Farrugia Ciarlo u P. Damjan Cachia u P. Karm Ferrante, il-Komunita` tal-Belt , Patri Dumnikan. u Dun Darren Pace, ir-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu flimkien ma' żewġ klassijiet minn Saint Albert the Great College. Il-Pellegrinaġġ kien verament suċċess bħal dawn l-erbat'ijiem.

Xogħol ieħor li għamilna kien li bagħatna invit lill-Parroċċi kollha biex min irid jorganizza pellegrinaġġ u biex javżaw il-Ħadd ta' meta kien hawn il-Papa. Ħriġna Santa għall-okkażjoni



stampajna 4000 li kollha telqu, u qassamna b'xejn mal-1000 Labtu. Għas-sigurta ħallasna Pulizija għal kull lejl.

Matul dawn l-erbat ijiem skantajna kemm Kleru djoċesan u ħafna reliġjużi ta' Ordnijiet ġew iżuru l-Kwadru ta' Pinu fis-Santwarju tagħna.

## KUMMENTI SPIRITWALI

Fis-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt ikun hemm Qrar mis-6.45a.m. sal-11.30a.m. u mill 4.00p.m. sas-7.15p.m.. Wara nofs inhar ikun miftuħ għat-Turisti. Fil-ġranet taż-żjara tal-Kwadru Inkurunat tal-Madonna ta' Pinu kienu ħafna li approfittaw ruħhom, u għall-grazzja t'Alla kien hawn Qrar ta' bosta snin lura.

Il-Pjaga ta' Malta u Għawdex illum huwa t-tifrik tas-Sagrament taż-żwieġ. Nista'ngħid li tliet kwarti tat-talb kienu fuq din il-pjaga.

It-tfal kellhom privileġġ għax ħallejnihom jitilgħu ibusu lill-Madonna ta' Pinu, u kont ngħidilhom jitolbu, ċertu talb naħseb kienu



iġagħlu jibki anke l-blat, dawn huma it-talbiet li smajt b'widnejja jien.

| | |
|---|---|
| I | Tħallix id-daddy isawwat lill-Mummy |
| II | Erġa' ġib lil Papa` d-dar |
| III | Keċċi mid-dar dan ir-raġel li għandha l-Mummy. |
| IV | Neħħi d-dagħa mid-Daddy u l-Mummy |
| V | Għid lill-ġenituri tiegħi iħalluni mmur quddies u jiġu huma. |
| VI | Tħallux lid-Daddy jiġi fis-sakra għax nibża' ħafna. |
| VII | Tħallux lil ħija l-kbir jurina films koroħ. |
| VII | Għid lin-nanna ma tiġix id-dar u toqħod tgħid kontra d-Daddy u z-zija |

Ftit tfal talbu għas-saħħa tal-ġisem imma meta smajt dan it-talb komplejt inħoss kemm inżilna fil-ħama tad-dnub u donnu d-dnub sar 'stil ta' ħajja'.

Nitlob lil min se jaqra dan biex nisimgħu mill-Madonna u nersqu iżjed lejn il-Quddies u r-Rużarju u talb ieħor li għadna fil-Knisja Kattolika. Nissuġġerixxi li nilbsu lil Marija bil-Labtu tal-Karmnu li hi tatulna bħala rigal f'imitazzjoni lejha u protezzjoni.



# Il-vjaġġ mill-Belt Valletta sal-Mosta...




1. Il-Purċissjoni mill-Bażilika tal-Karmnu sa Bieb il-Belt (Il-Ħamis, 22 ta' April 2010).

2. Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu hiereġ mill-Belt Valletta fuq it-trakk tal-Gozo Express Services.

3-6. Matul il-vjaġġ mill-Belt għall-Mosta, il-Kwadru Ta' Pinu għadda mill-Ħamrun, Santa Venera, Fleur-de-Lys u Birkirkara. Saru waqfiet f'diversi parroċċi fejn il-poplu miġbur ta' merħba lill-Kwadru u sar anke xi talb.















# *Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu fir-Rotunda tal-Mosta*



## *Iċ-Ċelebrazzjonijiet fir-Rotunda tal-Mosta*

**Victor B. Caruana**

Bis-saħħa taż-żjara tal-Papa Benedittu f'Malta l-Mostin kellhom ix-xorti li jgawdu il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa 22 u 23 ta' April 2010 fir-Rotunda. Il-Kwadru inġieb minn Għawdex nhar il-Ħadd 18 ta' April u kien fuq il-Fosos tal-Furjana waqt il-Konċelebrazzjoni Solenni mill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI, li poġġa Warda tad-Deheb quddiemu.

Wara l-kwadru ittieħed fis-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Imbagħad il-Ħamis fid-9.00 ta' filgħodu saret purċissjoni bil-Kwadru Ta' Pinu mill-Knisja tal-Karmnu sa Bieb il-Belt. Min hawn huwa beda triqtu fuq trakk lejn il-Mosta, fejn għamel diversi waqfiet fil-parroċċi mnejn għadda. Huwa wasal fil-11.22. Fi Pjazza Rotunda fejn għalkemm kienet ġurnata tax-xogħol xorta waħda ġie milqugħ minn folla kbira ta' nies. Huwa ġie formalment milqugħ mill-Aripriet Dun Mario Tong f'isem il-kleru u l-poplu Mosti.

Il-kwadru iddaħħal fir-Rotunda u tpoġġa fejn l-Artal Maġġur fost iċ-ċapċip ta' dawk kollha preżenti. Sar talb mill-Arċipriet tal-Mosta u mir-Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex. Wara kien hemm kju twil ta' nies li telgħu biex ibusu l-kwadru. Dak in-nhar u l-għada l-Ġimgħa l-Knisja baqgħet miftuħa biex in-nies setgħu jitolbu quddiem ix-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna.









Dak in-nhar filgħaxija saret ċelebrazzjoni Marjana, mmexxija mill-Arċipriet u animata minn grupp ta' żgħażagħ Għawdxin u Maltin li kantaw fiċ-ċelebrazzjoni taż-żgħażagħ mall-Papa fil-Valletta Waterfront, mmexxija minn Dorianne Portelli. Ċelebrazzjoni li għaliha attendew ħafna nies. L-għada filgħodu ir-Rotunda kienet dejjem mimlija minn folol ta' nies, li tista tgħid ġew minn kull parti ta' Malta biex iqimu x-Xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Fil-11.00am saret Quddiesa minn Fr. Nicholas Doublet għat-tfal tal-iskejjel kollha tal-Mosta. Fit-3.00pm wasal l-E.T. in-Nunzju Appostoliku l- Arċisqof Tomaso Caputo, l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona, l-Isqof Awżiljaru Mons. Annetto De Pasquale, u l-Arċisqof Emeritus Mons. Giuseppe Mercieca. Dawn kollha ġew milqugħa mill-Arċ. Dun Mario Tong u minn Dun Gerard Buhagiar ir-rettur tas-Santwarju Ta' Pinu. Qabel mal-Kwadru ħalla r-Rotunda, l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona







mexxa xi talb quddiem ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu.

Kienu it-3.50p.m. meta l-kwadru inħareġ mir-Rotunda u qabad it-Triq lejn iċ-Ċirkewwa wara waqfa ta' talb quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Il-Kwadru tal-Madonnu Ta' Pinu tgħabba fuq il-vapur tal-Gozo Channel M/V "TA' PINU" misjuq mill-Kaptan Joseph Cauchi flimkien mat-tieni second uffiċjal Daniel Attard. Mal-wasla fl-Imġarr Għawdex intlaqa' b'salut ta' wieħed u għoxrin murtal u diversi murtaletti. Hekk kif il-vapur "Ta' Pinu" daħal fil-port, il-vapuri l-oħra li kienu fil-port sellmu bil-*fog horns* tagħhom il-wasla tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, lura fil-Gżira Għawdxija.

Hawnhekk il-kwadru ġie milqugħ minn numru ta' Għawdxin immexxija mill-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech li poġġa bukkett fjuri quddiemu qabel ma beda il-mixja tiegħu lejn is-Santwarju Ta' Pinu fl-Għarb. Minn kull fejn għadda, fit-toroq u l-pjazez kien hemm numru kbir ta' nies li sellmu lill-Madonna u wara ngħaqdu magħna f'carkade wara l-Kwadru. Il-knejjes kollha ta' Għawdex daqqew mota ta' ferħ biex iħabbru l-wasla tal-Madonna Ta' Pinu fil-gzira tagħha.

Meta wasalna ftit il-bogħod mis-Santwarju, bdiet purċissjoni li waslet il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu sas-Santwarju. Fiha ħadu sehem l-isqfijiet, bosta saċerdoti Maltin u Għawdxin u l-fratellanzi tal-Madonna minn diversi parroċċi ta' Għawdex. Hekk kif wasalna fuq iz-zuntier tas-Santwarju saret konċelebrazzjoni b'radd ta' ħajr lil Alla għal miġja tal-Papa Benedittu XVI. Iċ-Ċelebrant prinċipali kien l-Arċisqof Pawlu Cremona flimkien man-Nunzju Appostoliku l-Arċisqof Tomaso Caputo, l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech, l-Isqof Emeritus Mons. Nikol Cauchi, l-Arċisqof Emeritus Mons. Giuseppe Mercieca, l-Isqof Awżiljaru Mons. Annetto De Pasquale, l-Isqof tal-Kenja Mons. Pawlu Darmanin u numru sabiħ ta' saċerdoti Maltin u Għawdxin fosthom l-Arċ. tal-Mosta Dun Mario Tong.

Il-pjazza kbira u t-triq ta' quddiem is-Santwarju kienu mimlija daqs bajda. Fost dawn kien hemm għadd kbir ta' Mostin. L-aqwa awtoritajiet ta' Malta kienu wkoll preżenti mmexxija mill-E.T. il-President Dr. George Abela. Kien hemm il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono, Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi f'isem il-Partit Laburista, is-sindku tal-Għarb s-Sur David Apap u Membri Parlamentari Għawdxin.





# *Il-Madonna Ta' Pinu lura fil-gżira tagħha...*




1. Il-Wasla tal-Kwadru fuq il-vapur "MV Ta' Pinu" offrut mill-Gozo Channel. Jakkumpanjaw il-Kwadru kien hemm in-Nunzju Apostoliku Mons. Arċisqof Tomaso Caputo, l-Arċisqof Pawlu Cremona, l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca, l-Isqof tal-Kenja Mons. Pawlu Darmanin, u madwar 800 pellegrin Malti mmexxija mill-voluntiera ta' Radju Marija.

2-7. Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu fuq it-trakk offrut b'xejn mill-Gozo Express Services waqt il-vjaġġ tiegħu fil-Gżira Għawdxija lejn is-Santwarju Ta' Pinu, li matulu saru waqfiet fejn ingħata tislima mill-Parroċċi Għawdxin.




*Il-Kwadru fil-port ta' l-Imġarr*




*Parroċċi Qala u Nadur*




*Parroċċa ta' Għajnsielem*




*Parroċċi tax-Xewkija u tax-Xagħra*




*Parroċċi tal-Munxar u Sannat*




*Parroċċi tar-Rabat u Fontana*

# Il-Madonna Ta' Pinu lura fil-gżira tagħha...

1-3. Ikompli l-vjaġġ tal-Kwadru lejn Ta' Pinu.

4. Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu jasal quddiem is-Santwarju Ta' Pinu, fejn ġie milqugħ mill-Parroċċi tal-Għarb u San Lawrenz.

5. L-Isqof ta' Għawdex, Mons Mario Grech jagħti merħba lill-President ta' Malta, Dr. George Abela.

6. Membri tal-Fratellanzi Marjani mill-Parroċċi ta' Għawdex li akkumpanjaw il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.

7. Il-Victoria Scout Group.



1

*Parroċċa ta' Kerċem*



2

*It-tfal jilqgħu l-Kwadru Ta' Pinu bil-fjuri*



3

*Parroċċi tal-Għasri u taż-Żebbuġ*



4



5



6



7

# Il-Madonna Ta' Pinu tasal f'darha...

1. Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu jinġarr lejn is-Santwarju minn membri tal-Fratellanzi Marjani Għawdxin.

2. Il-mistednin distinti li attendew għall-Pontifikal ta' Radd il-Ħajr għall-miġja tal-Papa.

4. L-isqfijiet li ħadu sehem f'dan il-Potifikal, li kien immexxi mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona O.P.

5-6. Numru kbir ta' saċerdoti ħadu sehem f'dan il-Pontifikal li għalih attendew eluf ta' pellegrini Għawdxin u Maltin.


















# “ad futuram rei memoriam”

## Bolla tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI



BENEDICTVS PP. XVI

ad futuram rei memoriam.

Gaudisiensi in insula Sanctuarium Ta' Pinu inter Melitensis Nationis sacras aedes conspicuum obtinere locum probe novimus. A saeculo iam XVI ibidem cappella quaedam Marialis exstare perhibetur. Consecrato anno MCMXXXI in templo eoque Basilicae Minoris titulo insignito religiosissime Beatae Mariae Virginis in caelum Assumptae simulacrum servatur, quod Stephanus Amedeus de Perusia anno MDCXIX pinxit. Ipse veneratus Decessor Noster Ioannes Paulus II anno MCMXC quinque aureas stellas circum Deiparae imaginem pientissime posuit. Frequentes fideles illuc accedentes, caelestem Matrem veneraturi, supernis subsidiis affatim replerentur. Materna enim Ipsa sua tutela gressus christianorum dirigit, quippe quae veluti stella in historiae pelago demonstret iter, quod haud semel obscuratur atque procella vehementer agitatur - cfr Spe salvi, 49 -. Iter igitur Melitense suscipientes, nihil praetermittere volumus, quin sacra haec imago ac pariter aedes congruentius extollatur. Quapropter nihil in eo loco ornando, colendo, relinquere cupientes, Nos **Rosam ex auro conflatam** magna cum animi affectione harum Litterarum vi tribuimus et donamus, quae inibi exinde servabitur, peculiaris Nostrae benevolentiae veluti signum ac documentum praeclarum, quibus Sanctuarii huius dignitatem augere cupimus. Rosam hanc Venerabilis Frater Marius Grech, Episcopus Gaudisiensis, tum suae tum Nostrae in Virginem Mariam pietatis tuiturus partes, ipsi sanctuario Ta' Pinu tradet, fidelibus cunctis laetantibus. Quae vero in sollemni benedictionis rosae caerimonia a Deo, Patre misericordiarum, efflagitavimus, ea rursus ab Eo postulamus ut omnibus hominibus bonae voluntatis affatim impertiat eosque supernis cumulet donis. Datum Romae, apud Sanctum Petrum, sub anulo Piscatoris, die XIX mensis Martii, anno MMX, Pontificatus Nostri quinto.

Inqrat minn Dun Gerard Buhagiar

Nafu tajjeb li s-Santwarju Ta' Pinu huwa prominenti fost it-tempji sagri tan-Nazzjon Malti. Hu magħruf li sa mis-seklu sittax kien hemm wieqfa f'dawk l-inħawi kappella ddedikata lill-Madonna. Fit-tempju kkonsagrat fis-sena 1931, u mogħti t-titlu ta' Bażilika Minuri, hemm miżmuma b'devozzjoni kbira xbieha tal-Verġni Mbierka Marija mtellgħa s-sema, pittura ta' Stefano Amadeo minn Perugia, tal-1619. L-istess venerabbli predeċessur tagħna Ġwanni Pawlu II poġġa madwar ras ix-xbieha tal-Omm t'Alla ħames stilel tad-deheb fl-1990. Il-fidili li hemmhekk imorru ta' sikwit biex jagħtu qima lil din l-Omm tas-Sema ma tonqoshomx l-għajnuna tagħha. Żgur li Hi bil-ħarsien tagħha ta' Omm tiggwida lill-Insara, u tassew bħala kewkba turi t-triq fil-baħar tal-istorja, li mhux darba jiddallam u jitqalleb b'tempesti kbar (ara Spe salvi, 49).




Għalhekk, waqt li ġejjin Malta, ma rridux nonqsu li naraw li din ix-xbieha sagra u mhux inqas it-tempju jingħataw ġieħ akbar kif jixirqilhom. Għal liema raġuni, waqt li ma nixtiequ nħallu xejn nieqes fit-tiżjin u l-qima ta' dak it-tempju, Aħna, bl-akbar imħabba ta' qalbna, qed nagħtu bħala rigal Warda tad-Deheb (Rosa d'Oro), bis-saħħa ta' din l-Ittra tagħna, biex tibqa' miżmuma hemmhekk, bħala sinjal u prova ċara tar-rieda tajba Tagħna, li nixtiequ nkabbru d-dinjita` ta' dan is-Santwarju.

Il-Venerabbli Ħuna Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, biex juri li, kemm hu u kemm Aħna, irridu nħarsu din id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija, se jagħti din il-Warda lis-Santwarju Ta' Pinu fost il-ferħ tal-fidili kollha.

F'din iċ-ċerimonja solenni tat-tberik ta' din il-Warda, nitolbu ħerqana lil Alla, Missier ta' kull ħniena, li jkollhom sehem il-bnedmin kollha ta' rieda tajba, u jimliehom b'kull don tas-sema.

Mogħtija minn Ruma,
f'San Pietru, bis-siġill
tas-Sajjied.



*Illum, 19 ta' Marzu 2010.*
*Il-ħames sena tal-Pontifikat Tagħna.*

# “Hawn tinsab l-Omm tagħna lkoll!”




## Messaġġ ta’ Merħba fi tmiem il-Pellegrinaġġ Nazzjonali - il-Ġimgħa, 23 ta’ April 2010

**Mons Mario Grech, Isqof ta’ Għawdex**

Nagħtikhom merħba f’dan is-Santwarju tal-Madonna ta’ Pinu - is-Santwarju tagħna lkoll. Imma l-ewwel u qabel kollox irrid insellem u rrodd ħajr lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI preżenti fostna fil-persuna tan-Nunzju Apostoliku, l-E.T. Mons Tommaso Caputo. Nagħti merħba wkoll b’mod partikulari lil ħuti fl-episkopat hawn preżenti, partikularment lill-għażiż ħija l-Arċisqof Pawlu Cremona. Insellem lill-awtoritajiet ċivili: lill-E.T. Dr. George Abela, President tar-Repubblika; lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gozni u lil Dr. Zrinzo, li qed jirrappreżenta lill-Kap tal-Oppożizzjoni. Insellem lil ħuti fis-saċerdożju, lilkom pellegrini li ġejtu mill-qrib u mill-bogħod.

Ġejna lura bil-kwadru tal-Madonna ġewwa darha. Għalkemm dan is-Santwarju huwa d-dar ta’ Marija, fuq kollox kull familja tagħna hija dar Marjana. F’dan il-pellegrinaġġ, li issa ilu jiem għaddej madwar Malta, rajna ħafna pellegrini u familji illi jikkonfermaw dak li qalilna l-Papa meta sellem lill-Madonna Ta’ Pinu bħala “Is-Sultana tal-Familja”.



Jien ninterpreta l-preżenza numeruża tagħna hawnhekk bħala risposta għal dak li qalilna l-Papa biex nilqgħu fid-dar ta’ kull wieħed u waħda minna lill-Verġni Marija. Filwaqt li tidwi f’widnejja l-proposta li Kristu għamel lil Ġwanni fuq il-kalvarju meta qallu “hawn hi ommok”, illejla nħoss li għandi ngħid lilkom u lill-poplu tagħna kollu: hawn tinsab l-Omm tagħna lkoll!

Lil din l-Omm tagħna aħna nsejħulha “Is-Sinjura”. Hawn norbot mal-ħsieb li qsamt mal-Qdusija tiegħu l-Papa dakinhar tal-laqgħa tiegħu maż-żgħażagħ, meta rriflettejna dwar il-laqgħa li Ġesu` kellu ma’ raġel sinjur. Ir-rikkezza ta’ din il-persuna kienet differenti mir-rikkezza jew is-sinjorija ta’ Marija ta’ Nazaret! Dakinhar, fi kliem ir-raġel għani staqsejt lill-Papa: “Mgħallem tajjeb, għidilna x’għandna nagħmlu biex nirtu l-ħajja ta’ dejjem? Illejla, din l-istess it-talba nagħmilha lis-Sinjura, għax hi li semgħet mingħand Kristu x’kellha tagħmel biex wirtet il-ħajja ta’ dejjem u hekk b’mod antiċipat ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, lilna lkoll, li f’ċerti aspetti aħna sinjuri imma f’aspetti oħra m’aħniex tant sinjuri, tgħinna nifttħu qalbna għal dak li jrid minna l-Mulej biex nirtu l-ħajja ta’ dejjem.

# "...kemm nies li ġew ispirati jew imfarrġin għax talbu lill-Madonna"



**Omelija waqt il-Pontifikal ta' Radd il-Ħajr fi tmiem iż-żjara tal-Papa - il-Ġimgħa, 23 ta' April 2010**

**Mons. Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta**

Eċċellenza President ta' Malta, Isqfijiet, ħuti fis-saċerdozju u fil-ħajja ikkonsagrata u ħuti fil-magħmudija.

Din is-sena kienet importanti għalina għaliex fiha konna qegħdin infakkru l-miġja ta' San Pawl f'Malta. L-id tal-Providenza wasslitu hawnhekk permezz ta' tempesta. Kienet sena speċjali għalina wkoll għaliex anke l-Qdusija tiegħu l-Papa ried jimmarka din is-sena billi jiġi fostna. Nemmen li fil-jumejn li dam magħna huwa ferraħna u nixtieq ngħid ukoll li fil-jumejn li dam fostna, aħna ferraħnieh ukoll. Aħna urejna lill-Papa l-imħabba kbira tagħna lejn Alla l-imbierek u li kapaċi nimxu fuq il-passi ta' Ġesu`. Ġustament, fost il-ħafna affarijiet li qalilna, il-Papa fakkarna fit-tagħlim ta' San Pawl meta kien fostna, ngħidu aħna l-ospitalita`. Fakkarna li ma jistax ikun hemm mixja fil-Knisja jekk din ma tgħaddix minn idejn Marija.



Dan qegħdin niċċelebrawh illum f'dan is-Santwarju. Huwa għażel is-Santwarju Ta' Pinu, santwarju għażiż għall-komunita` nisranija ta' dawn iż-żewġ gżejjer, ovvjament b'mod speċjali għall-Gżira t'Għawdex u ried jimmarka l-preżenza tal-Madonna mhux biss fis-santwarju, imma iktar u iktar fil-qalb tal-Maltin kollha. Dik il-warda tad-deheb li poġġa f'riġlejn il-Madonna tfisser l-apprezzament tal-Knisja lejn il-Poplu tagħna li żamm sħiħa d-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna. Min jaf tul is-sekli kemm kien hemm nies li ġew ispirati jew imfarrġin għax talbu lill-Madonna. Il-Madonna daħlet fil-ħajja tagħhom. Din l-ewwel tifkira li tana l-Papa se tibqa' f'dan is-santwarju bħala tifkira tiegħu.

Imbagħad ħallielna tifkira oħra importanti, tajjeb li ma ninsewiex. Meta kellimna fuq l-evanġelizzazzjoni, huwa afdaha taħt






il-patriċinju ta' San Pawl u tal-Madonna. Insista magħna li trid tkun il-Madonna li twassalna biex nagħmlu evanġelizzazzjoni ġdida fil-pajjiż tagħna. Ir-raġuni hija ovvja. Il-Madonna kienet id-dixxiplu l-aktar fidil tal-Mulej Ġesu`. Allura kif nistgħu naqbdu l-vanġelu u ngħadduh lill-oħrajn jekk mhux minn idejha? Dan huwa dak li xtaqt naqsam magħkom illum. Wara li ġie l-Papa fostna, aħna għandna responsabilita` kbira. Huwa żera' żerriegħa fostna u din se tagħmel il-frott jekk kull wieħed u waħda minna jsir żerriegħa bħalma kienet il-Madonna fi żmienha. Ħa naraw xi qrajna fit-tliet lezzjonijiet tal-lum. Tliet affarijiet li rridu nippruvaw niftakruhom.

Fil-Vanġelu tal-lum qrajna l-miraklu tat-tieġ ta' Kana. Nosservaw l-imħabba kbira tal-Mulej Ġesu`. L-ewwel sinjal jew l-ewwel miraklu ċedieh għall-inter'essjoni ta' Sidtna Marija. Kien għall-interċessjoni tagħha li hu għamel l-ewwel miraklu. Hawnhekk għandna messaġġ qawwi għalina lkoll. X'inhu dan il-messaġġ? Ġesu` ħalla s-sensittivita' t'Ommu Marija għat-tbatija ta' dawk l-għarajjes. Nistgħu nimmaġinaw lil Sidtna Marija tgħidilna hekk: *"Jien għent lill-oħrajn biex intom tagħmlu bħali."* Huti, dan huwa l-ewwel punt: jekk se jkun hemm evanġelizzazzjoni ġdida, din trid tibda mill-imħabba ta' Alla l-Missier lejn kull persuna li hawn hawnhekk. Bħall-Madonna, aħna nistgħu nkunu biss dawk li ninterċedu ħalli fil-prattika nwasslu lil xulxin għand il-Mulej Ġesu`. Jekk ma nagħmlux dan li għamlet Marija ma' dawn l-għarajjes, dawk li għadhom ma jagħarfux lil Ġesu` se jibqgħu fil-bogħod.

It-tieni lezzjoni tal-lum kienet mill-ittra ta' San Pawl lil-Efesin. San Pawl jitkellem minn bidla: in-nisrani ma jibqax jaħsibha ta' bniedem li hu, imma jibda jaħsibha bħal Kristu. X'inhi l-fidi? Għandna bżonn nikbru fil-fidi u għalhekk







għandna bżonn inkunu nafu l-vanġelu; il-vanġelu għandna bżonn inkunu nafuh sew. Il-fidi tfisser li inti tibda tarra kollox minn nuċċali tal-vanġelu. Mhux kif naħseb jien jew kif jgħidli ħaddieħor, imma li jiena nibda naħseb fil-vanġelu. Nagħmel paragun. Ma tistax issir evanġelizzazzjoni vera jekk aħna ma nibdewx naħsbu u nitkellmu b'dak li kien il-Vanġelu u li hu l-vanġelu.

It-tielet ħsieb joħroġ mill-ewwel lezzjoni tal-lum fejn rajna lil Marija qegħda fost l-appostli fil-bidu tal-Knisja. Jiena kultant naħseb li l-Madonna, ma setgħetx qalet: *"Issa la miet Ibni kollox spiċċa."* Għaliex? Għax Hi, bħala dixxiplu ta' Ġesu` kienet semgħet: *"Dawn huma ommi u ħuti, dawk li jagħmlu r-rieda tiegħi."* Mela aħna rridu nagħmlu bħal ma għamlet Marija. Ma nistgħux noqogħdu nirraġunaw bħalma setgħet għamlet Marija: aħna l-aqwa u jimpurtana minna biss. Ninnotaw li mill-ewwel, Marija sabet refuġju fil-komunita` ta' l-insara. Waħda mit-tentazzjonijiet tal-lum hija din: jiena nħobb lill-Mulej imma nista' nibqa' 'l-bogħod mill-komunita` ta' l-insara. Dan ir-raġunament ma jagħmilx sens għax hu fil-Komunita` ta' l-Insara li nsibu lil Ġesu`, hemm tinsab il-kelma, hemm tinsab l-Ewkaristija.

Dawn huma t-tliet punti li xtaqt naqsam magħkom. Naħseb li l-messaġġ tiegħi huwa dan: kemm nixtieq li meta nħares lejn kull wieħed u waħda minnkom inkun nista' nidentifka lili nnifsi fikom. Kemm nifraħ kieku l-Madonna tiġi fil-ħajja tiegħi u tgħid dan qiegħed jgħix skont dak li għext jien. Din hija r-responsabilta` li trid toħroġ minn dan il-pellegrinaġġ li aħna għamilna llum lejn dan il-post qaddis anke fil-kuntest tal-missjoni li tana l-Papa fil-viżta tiegħu f'Malta tagħna.



# "Verġni Mbierka Marija, aħna tiegħek..."



**Talba fi tmiem iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika - il-Ġimgħa, 23 ta' April 2010**

**Mons. Tomaso Caputo, Nunzju Apostoliku**

Most Blessed Virgin Mother of God, venerated here, at this National Marian Sanctuary of Ta' Pinu, we, your sons and daughters, turn to you with filial love at the end of this celebration.

Blessed Virgin Mary, we – Bishops, Priests, Deacons, Religious and a large number of lay persons – have accompanied your effigy which is so dear to us. On Sunday, we were overjoyed to see our beloved Shepherd, the Holy Father, Pope Benedict XVI, place a golden rose in front of this painting. His gift and his gesture are a visible sign of our deep love for you, Mary, Mother of Our Lord. *Mary, with you I repeat, My soul glorifies the Lord, my Saviour.*

In these last days, Blessed Mother, you have been especially present in some churches in Malta, so that the faithful in that Diocese could venerate this dear and devout painting, while recalling in a most tangible way your motherly love and care for all. This evening, we have passed through the other dear Marian Shrine at Mellieha, on the other side of the sea which unites these two Christian communities of Malta and Gozo. And now, having crossed the sea, we are here, at Ta' Pinu. We have journeyed together with You. Continue to accompany us through our difficult experiences and times of trial. *Mary, with you I repeat, My soul glorifies the Lord, my Saviour.*

Verġni mbierka Omm Alla, hawn meqjuma f'dan is-Santwarju Nazzjonali Marjan ta' Ta' Pinu, lejk induru b'imħabba ta' wlied fi tmiem din iċ-Ċelebrazzjoni.

Verġni mbierka Marija, aħna - Isqfijiet, Saċerdoti, Djakni, Reliġjużi u numru kbir ta' lajċi - mxejna wara x-xbieha tiegħek li hi tant għażiża għalina. Il-Ħadd li għadda, il-ferħ tagħna ma kienx jitqies meta rajna r-Ragħaj maħbub tagħna, il-Papa Benedittu XVI, iqiegħed warda tad-deheb quddiem din ix-xbieha. Ir-rigal u l-ġest tiegħu huma sinjal fid-dieher tal-imħabba kbira tagħna lejk, o Marija, Omm il-Mulej. *O Marija, miegħek jiena ntenni: Ruħi tfaħħar il-Mulej, is-Salvatur tiegħi.*

F'dawn l-aħħar jiem, Omm imbierka, int kont preżenti b'mod speċjali f'xi knejjes f'Malta, sabiex il-fidili f'dik id-Djoċesi setgħu jqimu din ix-xbieha għażiża u devota, waqt li jiftakru b'mod ħaj fl-imħabba u l-kura tiegħek ta' omm għalina lkoll. Illejla għaddejna ħdejn Santwarju Marjan ieħor għażiż, fil-Mellieħa, fuq in-naħa l-oħra tal-baħar li jgħaqqad dawn iż-żewġ komunitajiet Insara ta' Malta u Għawdex. U issa, li qsamna l-baħar, ninsabu hawn, f'Ta' Pinu. Aħna terraqna flimkien miegħek. Kompli imxi magħna matul l-esperjenzi diffiċli u żminijiet tal-prova. *O Marija, miegħek jiena ntenni: Ruħi tfaħħar il-Mulej, is-Salvatur tiegħi.*




O Immaculate Mother of God, raised up to Heaven with body and soul, this evening we solemnly renew our love for you. Like the humble peasant Carmela Grima who heard Your voice, inviting her to prayer, 127 years ago, we, too, commit ourselves to be attentive to Your call. Intercede for us before your Son Jesus that we may be holy and blameless before him. Intercede for the bishops, priests and the religious of Malta and Gozo that they may grow in holiness and be dedicated to their vocation. Blessed Virgin, through your heavenly protection, may families be strengthened. May Christian spouses grow in their faithfulness to each other. Protect also our young people that they may be free from all that separates them from Your Son, Jesus. *Mary, with you I repeat, My soul glorifies the Lord, my Saviour.*

Mary, most holy, we ask you: Show us the way to Your Son, guide us on our path, protect us during the storms we encounter as we journey together, and help us to cherish our Christian faith and heritage, brought to us by the Apostle St Paul. Blessed Virgin Mary, we belong to you. Keep us attached to you that we may always experience your loving embrace and the healing presence of the Lord. *Mary, with you I repeat, My soul glorifies the Lord, my Saviour.* Amen.

✠ Tommaso Caputo
*Apostolic Nuncio*

O Immakulata Omm Alla, mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, f'din il-lejla aħna nġeddu b'mod solenni l-imħabba tagħna lejk. Bħax-xebba umli Karmela Grima, li 127 sena ilu semgħet leħnek isejħilha għat-talb, aħna wkoll irridu nkunu attenti għas-sejħa tiegħek. Idħol għalina quddiem Ibnek Ġesu` biex aħna nkunu qaddisa u safja quddiemu. Idħol għall-isqfijiet, għas-saċerdoti u għar-reliġjużi ta' Malta u ta' Għawdex biex huma jikbru fil-qdusija u jgħixu l-vokazzjoni tagħhom. Verġni mbierka, bil-ħarsien tiegħek tas-sema, agħmel li jissaħħu l-familji tagħna. Agħti li l-miżżewġin Insara jikbru fil-fedelta` tagħhom lejn xulxin. Ħares ukoll liż-żgħażagħ tagħna biex ikunu meħlusa minn dak kollu li jifridhom minn Ibnek Ġesu`. *O Marija, miegħek jiena ntenni: Ruħi tfaħħar il-Mulej, is-Salvatur tiegħi.*

Mqaddsa Marija, aħna nitolbuk: urina t-triq li twassalna għand Ibnek, mexxina fil-mogħdijiet tagħna, ħarisna waqt it-tempesti li niltaqgħu magħhom fil-vjaġġ tagħna flimkien, u għinna ngħożżu l-fidi u l-wirt Nisrani li wasslilna l-Appostlu San Pawl. Verġni mbierka Marija, aħna tiegħek. Żommna marbuta miegħek biex aħna nħossu dejjem it-tgħanniqa kollha mħabba tiegħek u l-preżenza li tfejjaq tal-Mulej. *O Marija, miegħek jiena ntenni: Ruħi tfaħħar il-Mulej, is-Salvatur tiegħi.* Ammen.

✠ Tommaso Caputo
*Nunzju Apostoliku*

# *Kartolina ta' Tifkira*



***fl-okkażjoni taż-Żjara tal-Papa u ta' l-Għoti tal-Warda tad-Deheb mill-Papa Benedittu XVI***

**Ta' Pinu Publications**

Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, ħareġ kartolina speċjali fl-okkażjoni tal-għoti tal-Warda tad-Deheb li l-Papa Benedittu XVI offra lill-Madonna Ta' Pinu nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010. Din il-kartolina li ġiet stampata f'numru limitat ta' 500 hija timbrata bit-timbru speċjali tal-Malta Post plc li ngħata minn fuq il-Fosos tal-Furjana. Il-kartolina turi lill-Papa Benedittu XVI, is-Santwarju Ta' Pinu flimkien ma' dettal tal-Warda tad-Deheb. Barra dan, fuqha hemm il-Bolla li Malta Post kienet ħarġet fl-1983 li turi il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.

Ma' dawn hemm ukoll il-Bolla tal-Appostlu Missierna San Pawl, flimkien ma' logo oriġinali li jfakkar il-1950 mill-miġja tal-Appostlu tal-ġnus fuq artna. Il-logo juri l-ħamiema, simbolu tal-Ispirtu s-Santu li qed tonfoħ fuq il-ġifen biex wasal fuq artna, hekk seħħew il-kelmiet li nsibu fl-Atti 27, 26: "jeħtieġ iżda li naslu fi gżira". Il-kartolina flimkien mal-logo huma tas-Sur Anthony Grech membru tal-Gozo Philatelic Society u voluntier tas-Santwarju Ta' Pinu. Il-kartolina tista' tinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu għal prezz ta' 3 euro.



# Rigal tal-Papa Benedittu XVI lis-Santwarju...








Il-Papa Benedittu XVI offra lis-Santwarju Ta' Pinu waħda mill-mitri personali tiegħu, li ntużat fl-ewwel sena tal-Pontifikat tiegħu.

Din il-mitra hi maħduma bl-idejn mid-Ditta Pietro Bruno Arrendi Sacri s.a.s. ta' Treviso, Italja, fuq stil venezjan tas-Seklu VIII.

Il-mitra ngħatat lir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar, min-Nunzju Apostoliku Mons. Arċ. Tommaso Caputo, nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju 2010 f'għeluq l-20 sena miż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju Ta' Pinu. Illum tinsab esebita fil-Mużew tas-Santwarju.




# APPELL lill-Qarrejja

Kif tistgħu taraw, din il-ħarġa speċjali tar-rivista ***Madonna Ta' Pinu*** hija b'iktar paġni u stampata kollha bil-kulur. Ħarġa bħal din ħaditilna ħafna xogħol u peress li ridna li jkollna l-materjal kollu dwar dawn il-ġrajjiet miġbura f'din il-ħarġa, ma kienx possibli li din ir-rivista toħroġ iktar kmieni. Niskużaw ruħna ta' dan id-dewmien.

Fl-istess ħin, nixtiequ nagħmlu appell lilkom il-qarrejja, biex minn jista' joffri donazzjoni biex intaffu ftit mill-ispejjeż kbar ta' din il-pubblikazzjoni. L-ispejjeż ta' din il-ħarġa biss, qabżu l-ispiża totali tal-ħarġiet kollha ta' sena sħiħa. Għalhekk nistednukom biex min jista' jgħin fl-ispejjeż ta' din il-ħarġa speċjali.

# Paġna Letterarja



**Poeżiji fl-okkażjoni tal-għoti tal-Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu mill-Papa Benedittu XVI**

## Lilek, Marija

Lilek, Marija, aħna niċċelebraw
wara li b'd-dogma lilek iddikjaraw:
mara li mietet, Alla qajjimha,
ruħek u ġismek dejjem fis-Sema.

Fil-passat tagħna kwiekeb waħħalna,
rasek mimlija b'dija dejjiema;
qatt mhu ser jiġi żmien li jnessina
f'Ommna li lilna tħobbna mis-Sema.

Kemm hi ta' kobor ġrajjet l-imgħoddi,
Papa Ġwann Pawlu żjara għamillek;
kemm hi sabieħa l-għajta ta' wliedek,
"Ommna ta' Pinu" toħroġ minn għandi!

***Horatio Caesar Roger Vella***
*30 ta' Marzu, 2010*

## Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu

Benedittu Sittax, Papa tagħna,
kien ġest nobbli li toffri, ħerqan,
minn ġnien qalbek il-Warda 'l-Madonna,
għaliex lejha ġieħ għandek kotran.

Kif xegħel wiccek xħin kont qrib Marija,
kwadru devot u mirakoluż,
tassew l-għaxqa, ukoll l-għożża, ta' ġensna:
Ta' Pinu tassew hu maestuż.

Il-Maltin u l-Għawdxin ħafna fraħna
l'offrejt warda 'l Omm Alla Divin;
żgur li din lilna fik itfakkarna,
bir-raġun li bik aħna kburin.

Madonna Ta' Pinu, l-għaxqa tagħna,
nitolbuk kull ħin tibqa' magħna.

***Carmel Bianchi***
*Ħal Qormi, 18 ta' April 2010*






# Ktieb ġdid dwar is-Santwarju Ta' Pinu

**Kitba ta' Fr. Charles Cini, SDB**

**Fotografija u disinn ta' Daniel Cilia**

**192 paġna**
**Iktar minn 300 ritratt bil-kulur**
**Daqs tal-ktieb 32 x 22.5 cm**

## Prezz: € 50

***jinkludi poster tal-wiċċ tal-Madonna Ta' Pinu***

***Rigal mill-isbaħ għall-għeżież tiegħek***



quality is our commitment...
...because we know you deserve it!

jdb DIGITAL PRINTING

contact us on 2155 2219
xewkija industrial estate, xewkija, gozo.
info@jdbprinting.com - www.jdbprinting.com




For more information call **2380 2380**, click on **hsbc.com.mt** or come in **to your local branch.**

HSBC**Insurance**

HSBC

The world's local bank

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c. 233, Republic Street, Valletta, VLT1116. HSBC Life Assurance (Malta) Ltd is part of the HSBC Insurance Group and is authorised to carry on long term business of insurance in Malta and is regulated by the Malta Financial Services Authority.


"..inħossni ferħan li għandi l-opportunita` li nitlob quddiem ix-xbieha tagħha miġjuba apposta minn Għawdex għal din l-okkażjoni.
Huwa pjaċir tiegħi li nippreżentalha Warda tad-Deheb bħala sinjal ta' l-imħabba tagħna lejn l-Omm ta' Alla u Ommna."
Benedittu XVI
BENEDICTUS XVI PONT MAX
SANCTUARIO GAUDISIENSI TA' PINU
MARIAE VIRGINIS
DIE XVIII MENSIS APRILIS AD MMX
NEWSPAPER POST